

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2023
(OR. en)**

14280/23

POLMAR 53	MARE 23
POLGEN 145	JAI 1326
POLMIL 271	CSDP/PSDC 709
CYBER 245	CFSP/PESC 1404
HYBRID 71	ENV 1137
RELEX 1190	PECHE 443
COMAR 41	TRANS 422
MAR 125	PROCIV 70

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq, l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fl-24 ta' Ottubru 2023.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ġunju 2014¹ u l-ewwel Pjan ta' Azzjoni tas-17 ta' Diċembru 2014²;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tas-26 ta' Ġunju 2018³;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà marittima tat-22 ta' Ġunju 2021⁴;
- fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani, tat-13 ta' Diċembru 2022⁵;
- fil-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża - Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, tal-21 ta' Marzu 2022⁶;
- fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli dwar l-aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha: Strateġija mtejba għas-Sigurtà Marittima kontra theddidiet marittimi li qegħdin jevolvu, tal-10 ta' Marzu 2023⁷;

¹ 11205/14

² 17002/14

³ 10494/18

⁴ 9946/21

⁵ 15973/22

⁶ 7371/22

⁷ 7311/23 + ADD 1

1. B'dan JAPPROVA l-Istrateġija riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha kif jinsabu fl-annessi għal dawn il-konklużjonijiet, li jissostitwixxu l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE mill-2014 u l-Pjan ta' Azzjoni rivedut mill-2018 u jibnu fuq il-kisbiet tagħhom; l-EUMSS u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha għandhom l-għan li jsaħħu r-rwol reġjonali u internazzjonali tal-UE u jkomplu jiżguraw l-aċċess tal-UE għal dominju marittimu dejjem aktar ikkontestat, b'mod partikolari fid-dawl tal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
2. IFAKKAR li mill-2014, l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni pprovdeu il-qafas għall-indirizzar tal-isfidi għas-sigurtà fuq il-baħar. L-istrateġija stimulat kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-informazzjoni. Għenet fil-promozzjoni tal-governanza fuq il-baħar ibbażata fuq ir-regoli u tat spinta lill-kooperazzjoni internazzjonali. Għandha l-għan li ssaħħa l-awtonomija u l-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal theddid għas-sigurtà marittima li qed jikber, kif ukoll li tqajjem għarfien dwar id-dominju marittimu b'mod ġenerali;
3. JISSOTTOLINJA li l-EUMSS riveduta tistabbilixxi l-qafas sabiex l-UE tiegħu azzjoni ulterjuri biex tissalvagwardja l-interessi tagħha fuq il-baħar, u biex tippoteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-ekonomija tagħha, filwaqt li tippromwovi r-regoli internazzjonali u l-konformità sħiħa mal-istrumenti internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS);
4. JENFASIZZA li l-Pjan ta' Azzjoni rivedut tal-EUMSS ser jiġi implimentat mill-UE u l-Istati Membri tagħha f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet tal-istess fehma;

5. JAPPELLA lill-atturi kollha inkarigati mill-implimentazzjoni, b'mod partikolari l-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, biex jaħdmu mill-qrib flimkien u, fejn xieraq, ma' korpi u aġenziji oħra tal-UE, sabiex jimplimentaw l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, filwaqt li jibnu fuq il-kisbiet tal-EUMSS mill-2014, billi jiżguraw konsistenza ma' politiki settorjali oħra tal-UE u jużaw strumenti u azzjonijiet ta' politika rilevanti, taħt il-gwida ġenerali tal-Boxxla Strateġika; IFAKKAR li l-Pjan ta' Azzjoni huwa soġġett għal rieżami u aġġornament regolari jekk ikun meħtieġ;
6. JAPPELLA għal rappurtar iffukat u regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Marittimi – EUMSS, sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-aħjar prattiki, kif ukoll biex jissaħħu l-għarfien u s-segwitu tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni, jiġi mmonitorjat il-progress, jiġu vvalutati t-theddid u l-isfidi u tiġi indirizzata kwalunkwe lakuna;
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw lill-Kunsill rapport ta' progress konġunt bil-kontributi tal-Istati Membri tliet snin wara li tiġi approvata l-Istrateġija mill-Kunsill.

Strateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE**I. INTRODUZZJONI**

Is-sigurtà marittima hija vitali għall-Unjoni Ewropea (UE) u għall-Istati Membri tagħha. Flimkien, l-Istati Membri tal-UE jiffurmaw l-akbar żona ekonomika esklużiva kkombinata fid-dinja. L-ekonomija tal-UE tiddependi ħafna minn oċeani sikuri u siguri: aktar minn 80 % tal-kummerċ globali jsir bil-baħar, madwar żewġ terzi tal-provvista dinjija taż-żejt u tal-gass tiġi estratta mill-baħar jew ittrasportata bil-baħar¹, u sa 99 % tal-flussi globali tad-data jiġu trażmessi permezz ta' kejbils taħt il-baħar². Biex tiġi żgurata governanza effettiva tal-oċeani, biex jiġu protetti l-oċeani u qiegħ il-baħar tagħna, u biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija blu sostenibbli³, id-dominju marittimu globali għandu jkun sigur.

Mill-2014, l-istrateġija dwar is-sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) u l-pjan ta' azzjoni⁴ pprovdew il-qafas għall-indirizzar tal-isfidi għas-sigurtà fuq il-baħar. L-istrateġija stimulat kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-informazzjoni. Għenet fil-promozzjoni tal-governanza fuq il-baħar ibbażata fuq ir-regoli u tat spinta lill-kooperazzjoni internazzjonali. Saħħet l-awtonomija tal-UE u l-kapaċità tagħha biex tirrispondi għat-theddid għas-sigurtà marittima⁵.

Din l-istrateġija tibni fuq u tissostitwixxi l-EUMSS tal-2014. Hija tkompli tiġi ggwidata mill-prinċipji tal-EUMSS tal-2014: approċċ transsettorjali, l-integrità funzjonali, ir-rispett għar-regoli internazzjonali – id-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u l-konformità sħiħa mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) – u l-multilateraliżmu marittimu.

¹ 10729/22

² [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2022/702557/EXPO_IDA\(2022\)702557_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/IDAN/2022/702557/EXPO_IDA(2022)702557_EN.pdf)

³ 8810/21

⁴ 11205/14 u 10494/18

⁵ 9946/21

Din l-Istrateġija tqis b'mod partikolari kull baċir tal-ibħra Ewropej u ta' taħt il-baħar, jiġifieri l-Oċean Atlantiku, il-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Baħar Mediterran, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Oċean Artiku u r-reġjuni ultraperiferiċi.⁶ Madankollu, il-fatt li s-sigurtà marittima fi kwalunkwe parti tad-dinja inevitabbilment taffettwa l-bqija tad-dinja jfisser li l-ambitu tal-interessi tas-sigurtà marittima tal-UE huwa globali.

L-UE taqdi r-rwol dejjem aktar importanti ta' fornitur globali tas-sigurtà marittima, billi twettaq l-operazzjonijiet navali tagħha, eż. Atalanta⁷ u Irini⁸, timplimenta l-kunċett ta' Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP)⁹, u tippromwovi l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u tikkoopera ma' firxa wiesgħa ta' sħab esterni. Barra minn hekk, is-sistemi operazzjonali tas-sorveljanza marittima u tal-fruntieri ta' Copernicus, implimentati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), jipprovdu osservazzjonijiet ibbażati fl-ispazju, li jikkomplementaw is-servizzi ta' navigazzjoni tas-satelliti Galileo.

L-ambjent strateġiku ġenerali qed jgħaddi minn bidliet drastiċi. Minħabba l-kriżi klimatika u d-degradazzjoni ambjentali, l-iżvilupp bla heda ta' diversi forom ta' traffikar illegali u sakkeġġ tar-riżorsi tal-baħar, inkluż is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), it-theddid għall-infrastrutturi marittimi kritiċi u l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, hija meħtieġa aktar azzjoni mill-UE bħala fornitur tas-sigurtà internazzjonali.

⁶ Id-dominju marittimu tal-UE jiġbor fih l-ibħra territorjali, iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi u l-Blata Kontinentali tal-Istati Membri tal-UE kif definit mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982, kif ukoll l-użi legali kollha tal-Oċean u l-ibħra previsti fiha.

⁷ <https://eunavfor.eu/>

⁸ <https://www.operationirini.eu/>

⁹ 6256/22 u 6255/22

Abbażi tal-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża approvata mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2022¹⁰ u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà Marittima ta' Marzu 2023¹¹, din ir-reviżjoni tal-EUMSS u tal-pjan ta' azzjoni tagħha għandha l-għan li twieġeb għall-isfidi l-ġodda. Din hija opportunità biex jitmexxew 'il quddiem soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi tas-sigurtà marittima. Hija wkoll opportunità biex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fil-livell internazzjonali u biex ikompli jiġi garantit l-aċċess tal-UE għal dominju marittimu li dejjem aktar qed jiġi kkontestat.

L-EUMSS riveduta sservi ta' qafas għall-UE biex tkompli tiegħu azzjoni biex tipproteġi l-interessi tagħha fuq il-baħar, u biex tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-ekonomija tagħha. L-għan huwa li jiġu promossi l-paċi u s-sigurtà internazzjonali, kif ukoll jitħarsu l-fluss liberu tal-kummerċ u l-libertà ta' navigazzjoni, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sostenibbiltà u tiġi protetta l-bijodiversità. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jimplimentaw l-istrateġija riveduta, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

II. THEDDID GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA LI QED JEVOLVI U JIKBER

Ix-xena ġeopolitika globali nbidlet ħafna minn meta ġiet adottata l-istrateġija Ewropea għas-sigurtà marittima fl-2014, u issa din teħtieġ azzjoni ġdida u msaħħa. L-Analiżi tat-Theddid li wettqet l-UE turi li l-UE qed tiffaċċa żieda fit-theddid u fl-isfidi, inkluż fid-dominju marittimu¹². Il-kompetizzjoni strateġika għall-enerġija u r-riżorsi qed tiżdied. It-theddid qed isir dejjem aktar kumpless u qed ikollu diversi livelli, u xi pajjiżi qegħdin ifittxu li jiddefinixxu mill-ġdid il-prinċipji ewlenin tal-ordni multilaterali bbażata fuq ir-regoli, inkluż permezz ta' ksur tas-sovranià u tal-fruntieri nazzjonali u azzjonijiet reviżjonisti oħra, bħal atti li jikkostitwixxu ksur tal-libertà ta' navigazzjoni u pretensjonijiet marittimi li jmorru kontra d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS. L-aggressjoni militari mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja reġgħet ġabet il-gwerra fl-Ewropa. Hija tikkostitwixxi bidla kbira fl-ambjent strateġiku Ewropew, b'effetti konsegwenzjali negattivi fuq is-sigurtà marittima u fuq l-ekonomija Ewropea, li qed jolqtu liċ-ċittadini u lin-negozji Ewropej.

¹⁰ Boxxla Strateġika, dok. 7371/22

¹¹ 7311/23 + ADD 1

¹² L-Analiżi tat-Theddid tal-UE hija analiżi komprensiva u bbażata fuq l-intelligence tal-firxa ta' theddid u sfidi li qed tiffaċċa jew li tista' tiffaċċa fil-futur l-UE. Din tiġi aġġornata regolarment u sservi ta' informazzjoni ta' sfond biex tgħin fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża.

Is-sigurtà marittima qed tiġi kkontestata f'bosta reġjuni, fosthom it-tilwim territorjali u marittimu, il-kompetizzjoni għar-riżorsi naturali, u t-theddid għal-libertà tan-navigazzjoni u għad-drittijiet ta' passaggj innoċenti u ta' tranżitu. Dawn l-isfidi joħolqu tensjoni u instabbiltà fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE.

Kien hemm ukoll żieda fl-isfidi għas-sigurtà marittima globali lil hinn mill-baċiri Ewropej, li jinkludu l-Golf tal-Guinea, il-Golf ta' Aden, l-Istrett ta' Hormuz, l-Istrett ta' Malacca, u l-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, li tista' taffettwa l-interessi tal-Istati Membri tal-UE u tas-sħab tagħhom. Xi pajjiżi mhux tal-UE qed iżidu l-assertività tagħhom kif ukoll il-kapaċitajiet militari tagħhom fuq il-baħar u qed jirrikorru għal azzjonijiet unilaterali, inkluż billi jużaw jew jheddu li jużaw il-forza kontra pajjiżi oħra. Dan jinkludi provokazzjonijiet u azzjonijiet unilaterali kontra l-Istati Membri tal-UE u ksur tad-drittijiet sovrani li jmorru kontra d-dritt internazzjonali. Dawn l-azzjonijiet jikkontestaw l-istat tad-dritt u l-ordni internazzjonali bbażata fuq il-UNCLOS.

Ir-reġjun Indo-Paċifiku, fejn l-UE għandha Reġjuni Ultraperiferiċi (l-Oċean Indjan) u Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej (il-Paċifiku), sar żona ta' kompetizzjoni ġeopolitika intensa. Il-wiri tal-forza u ż-żieda fit-tensjonijiet f'reġjuni bħall-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar u tal-Lvant u l-Istrett tat-Tajwan jaffettwaw is-sigurtà u l-prosperità globali u tal-Ewropa. Biex jinżammu l-istabbiltà u s-sigurtà tul ir-rotot ewlenin tat-tbaħħir - bħall-Istretti ta' Malacca u ta' Singapore, il-Qarn tal-Afrika u l-Oċean Indjan - jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-azzjoni f'termini ta' preżenza, sħubija u inizzjattivi ta' kooperazzjoni, bi qbil mal-istrateġija tal-UE għall-kooperazzjoni fir-reġjun Indo-Paċifiku.

It-tibdil fil-klima u t-tniġġis tal-baħar huma mistennija li jkollhom konsegwenzi negattivi sostanzjali u fit-tul għas-sigurtà marittima. Dawn jistgħu jinkludu t-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut, l-għargħar fiż-żoni kostali u fil-gżejjer, it-telf ta' skolli tal-qroll, taż-żoni mistagħdra fejn tikber il-mangrovja u ta' artijiet mistagħdra oħra¹³. Huwa importanti li jiġu mifhuma aħjar l-interazzjonijiet bejn it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali taż-żoni kostali u marittimi, u li jiġu minimizzati, kull fejn ikun possibbli, l-effetti tagħhom fuq is-sigurtà marittima, anki permezz ta' riċerka mmirata li tinsab għaddejja u ġdida. It-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jaġixxu bħala multiplikaturi tar-riskju billi jżidu l-instabbiltà u l-inugwaljanza, jaggravaw il-kriminalità tranżnazzjonali, il-piraterija u t-tensjonijiet fuq ir-riżorsi tal-baħar. Dan jeħtieġ approċċ ġdid li jippermetti li l-UE tagħmel lis-soċjetà aktar reżiljenti għall-klima, tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi¹⁴. Min-naħa l-oħra, lakuni fis-sigurtà marittima jistgħu jwasslu għal ħsara ambjentali, bħal aċċess imfexx għal siti kkontaminati, id-devjazzjoni ta' fondi mill-protezzjoni ambjentali jew atti ta' sabotaġġ kontra l-infrastruttura marittima. Barra minn hekk, l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna ġabet konsegwenzi umani, ekonomiċi, soċjali u ambjentali devastanti, fosthom it-telf tal-bijodiversità.

¹³ IPCC, Special Report on the Ocean and Cryosphere in a Changing Climate (SROCC, 2019) u s-sitt rapport ta' valutazzjoni (AR6) tal-Grupp ta' Ħidma II (2022)

¹⁴ 8219/20

L-attakki tal-2022 fuq il-pipelines ta' Nord Stream fil-Baħar Baltiku, il-preżenżi mhux awtorizzati madwar infrastruttura kritika marittima fil-Baħar tat-Tramuntana u l-attakki ċibernetiċi rikorrenti mmirati lejn l-infrastruttura marittima, inkluż fil-kuntest ta' kampanji ibridi, jeħtieġu li l-UE ssaħħaħ l-azzjoni tagħha u tipproteġi l-infrastruttura kritika tagħha b'mod aktar effettiv, b'mod partikolari billi tiżviluppa teknoloġiji innovattivi. Hekk kif l-industrija marittima għaddejja minn trasformazzjoni diġitali, il-komplessità u l-vulnerabbiltajiet potenzjali tagħha żdiedu. Il-probabbiltà qiegħda dejjem tiżdied li l-atturi malizzjużi jużaw mezzi ċibernetiċi, inkluż fil-kuntest ta' kampanji ibridi, biex jimmiraw lejn l-infrastruttura marittima, inkluż kejbils u pipelines taħt il-baħar, installazzjonijiet relatati mal-enerġija, kif ukoll portijiet u bastimenti. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika¹⁵ tirrikonoxxi din il-ħtieġa għall-azzjoni. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għanijiet tal-Unjoni marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri stabbiliet il-miżuri li jistgħu jikkontribwixxu biex l-UE u l-Istati Membri jkunu mħejjija aktar għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bnedmin, anki fil-baħar, u jkunu jistgħu jirreaġixxu għalihom aħjar¹⁶.

It-theddid u l-attivitajiet illeċiti – bħall-piraterija u s-serq bl-użu ta' armi fuq il-baħar, il-migrazzjoni irregolari, il-kriminalità organizzata, li tinkludi l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, it-traffikar tal-armi u tan-narkotiċi, it-terroriżmu, is-sajd (IUU) u attivitajiet illegali oħrajn, fosthom l-esplorazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni fiż-żoni esklużivi ekonomiċi u l-blat kontinentali tal-Istati Membri tal-UE, u riskji relatati mal-ordinanza mhux sploduta (UXO)¹⁷ fil-baħar – jibqgħu sfidi daqstant kritiċi f'bosta reġjuni, u ċerti żoni kostali u territorji remoti tal-UE huma partikolarment vulnerabbli. Uħud minn dawn l-attivitajiet illeċiti jistgħu jiġu ffaċilitati minn sigurtà inadegwata fil-portijiet u nuqqas ta' għarfien tad-dominju marittimu. L-atturi malizzjużi jistgħu wkoll jikkombinaw dan it-theddid u dawn l-attivitajiet bħala theddid ibridu kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha.

¹⁵ 2023/C 20/01, p. 1-11

¹⁶ 6259/23 u 2023/C 56/01, p. 1-11

¹⁷ It-terminu ordinanza mhux sploduta (UXO) jirreferi għal armi splussivi (bombi, proġettili, granati, mini terrestri, mini navali, munizzjon dispersiv, u tipi oħra ta' munizzjon) li qatt ma splodew u għad hemm ir-riskju li jesplodu, xi drabi bosta deċennji wara li jkunu ntużaw jew ġew skartati.

III. INTERESSI TAS-SIGURTÀ MARITTIMA TAL-UE

Fid-dawl tat-theddid għas-sigurtà marittima li qed jevolvi, l-interessi fundamentali tal-UE huma:

- is-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri, taċ-ċittadini u tas-sħab tagħha;
- il-preservazzjoni tal-paċi u l-istabbiltà globali, u ż-żamma tar-rotot marittimi ħielsa u miftuħa għal kulħadd, u sikuri mit-theddid ippreżentat minn atturi statali u mhux statali;
- iż-żamma tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS bħala l-qafas legali ġenerali li jirregola l-attivitajiet kollha fl-oċean, u l-promozzjoni ta' governanza internazzjonali tajba tal-oċeani, anki permezz ta' konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar;
- il-protezzjoni tar-riżorsi naturali u tal-ambjent tal-baħar, u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà marittima;
- it-titjib tar-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u tas-sigurtà tan-networks u s-sistemi tal-informazzjoni;
- l-iżgurar tar-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika¹⁸ (fuq l-art u lil hinn mill-kosta), inkluż billi jiġu indirizzati r-riskji u t-theddidiet b'rabta mat-tibdil fil-klima, u dawk li jirriżultaw minn investimenti diretti barranin;

¹⁸ Pereżempju kejbils u pipelines taħt il-baħar, ċentri loġistiċi (jiġifieri portijiet), installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, pjattaformi taż-żejt u taż-żejt tal-gass lil hinn mill-kosta, eċċ.

- it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-protezzjoni ta' ċentri loġistiċi, jiġifieri portijiet, anki billi jiġu indirizzati r-riskji assoċjati mal-korruzzjoni u mal-attivitajiet illeċiti;
- il-protezzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi fuq il-baħar, li b'hekk tikkontribwixxi għal ekonomija blu sostenibbli (kemm fuq l-art kif ukoll lil hinn mill-kosta);
- il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE, u s-sigurtà interna tagħha, inkluż bl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin, u attivitajiet illegali oħra, fosthom it-terroriżmu;
- is-salvagwardja taż-żoni marittima tal-Istati Membri tal-UE minn attivitajiet illegali u mhux awtorizzati ta' esplorazzjoni u ta' tħaffir għall-idrokarburi;
- l-iżgurar tal-kapaċità li tittieħed azzjoni fil-pront u b'mod effettiv fid-dominju marittimu, bl-adozzjoni ta' approċċ fuq diversi dominji (jiġifieri l-art, l-ajru, l-ispazju ċibernetiku u ekstrasferiku);
- l-iżgurar tas-sikurezza u tas-sigurtà tal-baħħara bi qbil mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu konvenzjonijiet rilevanti oħra tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

IV. TISĦIĦ TAR-RISPONS TAL-UE

L-istrateġija riveduta dwar is-sigurtà marittima ser tgħin tipproteġi l-interessi tal-UE elenkati hawn fuq, mit-theddid għas-sigurtà marittima li qed jevolvi u li qed jikber. Biex tagħmel dan, l-UE ser iżżid l-azzjoni taħt sitt objettivi strateġiċi:

1. iżżid l-attivitajiet fuq il-baħar;
2. tikkoopera mas-sħab;
3. tkun minn ta' quddiem fl-għarfien tad-dominju marittimu;
4. timmaniġġa r-riskji u t-theddid;
5. issaħħaħ il-kapaċitajiet;
6. teduka u tħarreġ.

L-EUMSS riveduta ser tiġi implimentata permezz ta' Pjan ta' Azzjoni (fl-anness) u fil-qafas tal-Approċċ Integrat¹⁹. Biex timplimenta l-istrateġija, flimkien mal-Istati Membri tagħha, l-UE ser tuża l-politiki, l-għodod u l-istrumenti ċivili u militari rilevanti kollha, u ser tikkoordina l-politiki u l-attivitajiet tal-atturi rilevanti kollha fil-livell Ewropew, reġjonali u nazzjonali, filwaqt li ssaħħaħ is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tagħhom. L-istrateġija ser tippromwovi wkoll involviment aktar koerenti tal-UE f'kunflitti u fi kriżijiet esterni, biex ittejjeb is-sigurtà tal-UE u taċ-ċittadini tagħha.

¹⁹ L-"approċċ integrat għall-kunflitti u l-kriżijiet esterni" ġej mill-Istrateġija Globali tal-UE tal-2016. Dan ġie approvat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018 dwar l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni (5413/18). Dan jidentifika qafas għal involviment aktar koerenti u olistiku mill-UE għal kunflitti u kriżijiet esterni u jippromwovi s-sigurtà tal-bniedem u b'hekk iżid ukoll is-sigurtà tal-UE u taċ-ċittadini tagħha.

Il-Pjan ta' Azzjoni jinkludi azzjonijiet speċifiċi għal kull baċir tal-baħar madwar l-UE. Barra minn hekk, l-azzjoni taħt l-EUMSS għandha tqis l-istrategġija reġjonali tal-UE²⁰ u l-programmi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif ukoll il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab. Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni tal-EUMSS għandha tippromwovi l-inklużjoni ta' aspetti tas-sigurtà marittima fl-istrategġija u l-inizjattivi reġjonali rilevanti kollha kif ukoll fl-istrategġija makroreġjonali, inkluż b'mod partikolari dawk għall-baċiri tal-baħar madwar l-UE.

1. Jizziedu l-attivitajiet fuq il-baħar

Il-Boxxla Strategġika tal-UE titlob aktar tisħiħ tal-involviment tal-UE fis-sigurtà marittima. It-tweqqif ta' skjeramenti regolari jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' kriżijiet ġodda u għall-ġestjoni tal-kriżijiet li jkunu għaddejjin. Skont il-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), l-Operazzjoni Atalanta ilha titħaddem fil-Punent tal-Oċean Indjan mill-2008. Minħabba r-rekord ta' suċċess tagħha, l-Operazzjoni Atalanta rat il-mandat tagħha estiż mill-ġlieda kontra l-piraterija għal operazzjoni usa' ta' sigurtà marittima, b'Żona ta' Operazzjonijiet estiża fil-Majjistral tal-Oċean Indjan, li jkompli jsaħħaħ ir-rabtiet u s-sinerġiji mal-missjoni ta' Għarfien tas-Sitwazzjoni Marittima fl-Istrett ta' Hormuz immexxi mill-Ewropa (EMASOH)²¹. Fil-Baħar Mediterran, l-Operazzjoni Irini għandha bħala l-kompitu ewlieni tagħha li tinforza l-embargo tal-armi tan-NU fuq il-Libja. Dan huwa kontribut dirett tal-UE għall-paċi u l-istabbiltà fil-Mediterran, li jsaħħaħ is-sigurtà marittima. Skont l-Approċċ Integrat, l-UE tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tas-sigurtà marittima billi tipprovdi taħriġ u tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sħab permezz ta' missjonijiet tal-PSDK, bħall-Missjoni ta' Taħriġ tal-Unjoni Ewropea (EUTM), il-Missjoni ta' Bini tal-Kapaċità tal-Unjoni Ewropea (EUCAP) fis-Somalja u l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri (EUBAM) fil-Libja, filwaqt li tqis il-politiki u l-għodod rilevanti, inkluż il-minikuncett dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà marittima.

²⁰ Bħall-Istrategġija Komprensiva mal-Afrika (6703/20), l-Istrategġija tal-UE dwar il-Golf tal-Guinea (7671/14), l-Istrategġija tal-UE għall-kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku (11930/21), il-politika tal-UE dwar l-Artiku (1287/21), u l-Istrategġija dwar ir-Reġjuni Ultraperiferiċi (8791/22).

²¹ <https://www.diplomatie.gouv.fr/en/french-foreign-policy/europe/news/article/european-maritime-awareness-in-the-soh-emasoh-political-statement-by-the>

Fl-2021, l-UE introduċiet il-kunċett il-ġdid ta' Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP). Din l-ġhodka flessibbli l-ġdida għandha l-għan li tagħti spinta lill-impenn kollettiv tal-UE dwar is-sigurtà marittima billi tagħmel l-aħjar użu mill-assi navali tal-Istati Membri f'żoni li huma ta' interess strateġiku għall-UE. F'dan il-kuntest, l-UE għandha żżid l-appoġġ tagħha għall-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali u illeċiti fuq il-baħar, li jinkludu t-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-droga, il-piraterija u s-sajd IUU. Abbażi tal-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni tas-CMP fil-Golf tal-Guinea u ladarba tinkiseb biżżejjed esperjenza fil-Majjistral tal-Oċean Indjan (inkluż fil-Baħar l-Aħmar), l-UE tista' tikkunsidra żoni marittimi ta' interess ġodda fejn timplimenta dan il-kunċett. L-istabbiliment ta' żoni marittimi ta' interess ġodda jżid l-għarfien tas-sitwazzjoni, is-sħubiji u l-kultura strateġika tal-UE bħala attur tas-sigurtà marittima.

Il-Boxxla Strateġika tal-UE tenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żgurati livell tajjeb ta' tħejjija u l-interoperabbiltà fost il-forzi navali tal-Istati Membri tal-UE, u titlob li l-UE twettaq eżerċizzji reali fid-dominji kollha. Għalhekk, l-UE ser tniedi eżerċizzju annwali ta' sigurtà marittima li jinvolvi l-assi navali²² biex tagħti spinta lil-livell ta' tħejjija, trawwem l-interoperabbiltà u tindirizza t-theddid li qed jevolvi għas-sigurtà marittima.

L-UE stabbiliet kooperazzjoni interaġenzjali bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Frontex permezz tal-Arranġament ta' Ħidma Tripartitiku (TWA) biex tappoġġa l-awtoritajiet nazzjonali tal-gwardja tal-kosta.

²² Eżerċizzju li jinvolvi l-flotot navali u l-awtoritajiet tas-sigurtà marittima minn kemm jista' jkun Stati Membri biex tingħata spinta lil-livell ta' tħejjija u lill-kapaċitajiet ta' rispons għal riskji u theddid tradizzjonali, ġodda u li qed jevolvu.

L-EFCA twettaq pjanijiet ta' eżerċizzju konġunt li fihom tikkoordina lill-Istati Membri fil-baċiri tal-baħar kollha madwar l-UE, inkluż fl-ibħra internazzjonali fl-Atlantiku tat-Tramuntana u fil-Baħar Mediterran għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd.

L-EMSA tgħin lill-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet tas-sigurtà marittima fil-portijiet, fil-faċilitajiet tal-portijiet u fil-bastimenti fl-UE, u qed tesplora modi kif issaħħaħ is-sigurtà marittima f'dominji bħall-bastimenti tal-passiġġieri jew iċ-ċibersigurtà. Bi qbil mal-linji gwida strateġiċi dwar il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EIBM)²³, is-sistema ta' sorveljanza għandha tkun kapaċi tidentifika u, jekk ikun meħtieġ, tintraċċa u tinterċetta l-bastimenti kollha li jidħlu fl-ilmijiet territorjali u tikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-protezzjoni u s-salvataġġ tan-nies fuq il-baħar f'kull tip ta' temp. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-kapaċitajiet ta' sorveljanza li toffri l-Frontex biex itejbu l-kapaċitajiet nazzjonali u l-għarfien ġenerali tas-sitwazzjoni.

Il-Frontex twettaq operazzjonijiet konġunti bħal Indalo, Themis u Poseidon biex tikkontrolla l-fruntieri esterni tal-UE biex tindirizza l-migrazzjoni irregolari, tiġġielel il-kriminalità transfruntiera u ssaħħaħ il-kooperazzjoni Ewropea fuq il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, fosthom it-tfittxija u s-salvataġġ.

L-EFCA, l-EMSA u l-Frontex iwettqu operazzjonijiet marittimi bi skopijiet multipli biex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera, inkluż il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, jidentifikaw it-tniġġis tal-baħar u s-sajd illegali, u jwettqu kompiti oħra ta' sorveljanza f'diversi baċiri tal-baħar madwar l-UE. L-UE għandha tkompli tiżviluppa dawn l-operazzjonijiet importanti bi skopijiet multipli.

²³ 9528/22

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE²⁴ biex iżżid l-attivitajiet fuq il-baħar f'din l-Istrateġija huma:

- torganizza eżerċizzji ta' sigurtà marittima, inkluż eżerċizzji navali annwali tal-flotot navali u l-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri²⁵;
- issaħħaħ l-operazzjonijiet navali eżistenti tal-UE (Atalanta u Irini) b'assi navali u tal-ajru sal-livelli indikati fid-dikjarazzjonijiet konġunti tar-rekwiżiti tagħhom;
- tikkunsidra żoni ġodda ta' interess marittimu (MAI) fejn jista' jiġi implimentat il-kunċett ta' CMP, abbażi tat-tagħlimiet meħuda u tal-proposti mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;
- issaħħaħ il-ġlieda kontra attivitajiet illegali u illeċiti fuq il-baħar, inkluż it-traffikar tad-droga, fiż-żoni ta' interess marittimu;
- iżżomm u ttejjeb l-ispezzjonijiet tas-sigurtà marittima fl-UE u tindirizza ċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-bastimenti tal-passiġġieri;
- issaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta billi tippromwovi l-iżvilupp ta' operazzjonijiet marittimi bi skopijiet multipli f'diversi baċiri tal-baħar madwar l-UE.

²⁴ L-azzjonijiet ewlenin tal-UE elenkati taħt kull wieħed mis-sitt objettivi speċifiċi jiġbru fil-qosor l-elementi prominenti tal-azzjonijiet ippreżentati fid-dettall fil-pjan ta' azzjoni.

²⁵ 7371/22, Boxxla Strateġika

2. Kooperazzjoni mas-sħab

L-UE diġà ħolqot relazzjonijiet u sinerġiji dwar is-sigurtà marittima ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali kemm fil-livell globali kif ukoll fil-livell reġjonali (eż. man-Nazzjonijiet Uniti (NU) inkluż l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), l-Unjoni Afrikana (UA) u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)²⁶) u ma' diversi pajjiżi terzi.

L-UE u l-Istati Membri tagħha żviluppaw ukoll kooperazzjoni internazzjonali permezz ta' djalogi bilaterali, waqfiet fil-portijiet u eżerċizzji reali, b'mod partikolari fir-reġjun Indo-Paċifiku, eż. mal-Awstralja, il-Ġappun, l-Indja, l-Indoneżja, ir-Repubblika tal-Korea, l-Oman u Singapore. L-operazzjonijiet Atalanta u Irini jipparteċipaw f'mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-involvement multilaterali, inkluż il-Konferenzi Shared Awareness and Deconfliction (SHADE). L-Unjoni Ewropea tipprovdi wkoll appoġġ sinifikanti għas-sigurtà marittima bil-miżuri tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, ta' għajjuna umanitarja, u ta' appoġġ għall-politika barranija.

²⁶ Is-sigurtà marittima ilha prijorità kondiviża kemm għall-UE kif ukoll għall-ASEAN. Il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni ffukat fuq ir-rispons għal theddid marittimu tranżnazzjonali bħall-piraterija, il-kuntribandu, l-immigrazzjoni illegali, ir-riskji ta' diżastri u l-impatti tat-tniġġis u tat-tibdil fil-klima. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-proċess immexxi mill-ASEAN lejn Kodiċi ta' Kondotta effettiv u sostantiv fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, li huwa f'konformità sħiħa mal-UNCLOS u ma jippreġudikax l-interessi ta' partijiet terzi.

Fil-Punent tal-Oċean Indjan, l-UE tappoġġa arkitettura marittima reġjonali bbażata fuq ċentri ta' fużjoni tal-informazzjoni u ta' operazzjonijiet fil-Madagascar u fis-Seychelles, kif ukoll fuq il-Kodiċi ta' Kondotta ta' Djibouti dwar ir-Repressjoni tal-Piraterija u s-Serq Armat kontra l-Bastimenti fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Golf ta' Aden²⁷.

Bl-istess mod, fil-Golf tal-Guinea, fejn il-kunċett ta' CMP ġie applikat b'suċċess, l-UE tappoġġa lill-organizzazzjonijiet reġjonali u lill-istati kostali biex jimplimentaw l-istrateġiji tas-sigurtà marittima tagħhom stess, isaħħu l-infurzar tal-liġi marittima u l-ġustizzja, itejbu s-sigurtà u s-sikurezza tal-portijiet, kif ukoll jindirizzaw kwistjonijiet oħra ta' rilevanza partikolari għall-istati kostali, b'mod partikolari s-sajd IUU²⁸. L-UE ser tkompli żżid l-għarfien tad-dominju marittimu u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, inkluż informazzjoni satellitari, fil-qafas tal-Arkitettura ta' Yaoundé²⁹. Fl-Oċean Atlantiku iġġenerali, l-UE tappoġġa l-ġlieda kontra l-attivitajiet illeċiti, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, f'kooperazzjoni mas-sħab.

²⁷ Is-Sigurtà Marittima fil-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika u l-Oċean Indjan (MASE), il-Programm għas-Sigurtà u s-Sikurezza tal-Portijiet u tan-Navigazzjoni, il-Programm Reġjonali għas-Sigurtà Marittima fiż-Żona tal-Baħar l-Aħmar u CRIMARIO.

²⁸ Proġett ta' PESCAO bil-parteċipazzjoni tal-EFCA.

²⁹ Azzjonijiet SWAIMS, PASSMAR u GOGIN.

F'kuntest ġeopolitiku diffiċli, l-UE għandha żżid il-kooperazzjoni mas-sħab fil-viċinat tagħha u f'żoni marittimi oħrajn ta' importanza strateġika. Dan huwa partikolarment rilevanti fid-dawl tal-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE ser tintensifika l-kooperazzjoni tagħha stabbilita sew, ta' tisħiħ reċiproku u ta' benefiċċju man-NATO dwar is-sigurtà marittima, filwaqt li tibni fuq ir-riżultati li nkisbu s'issa fil-qafas tal-implimentazzjoni tas-sett ta' proposti komuni approvat mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u fil-5 ta' Diċembru 2017, f'konformità mat-tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ta' Jannar 2023 u b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-ftuħ u t-trasparenza reċiproċi, ir-reċiproċità u l-inklużività kif ukoll l-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet. UE aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Fir-reġjun Indo-Paċifiku, l-UE għandha żżid l-iskambju tal-esperjenza dwar is-sigurtà marittima mas-sħab permezz tal-proġett "Tisħiħ tal-Kooperazzjoni fil-Qasam tas-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja" (ESIWA) u d-djalogi bilaterali u billi tfittex li tingħata status ta' osservatur ("Sieħeb fid-djalogu") fl-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan (IORA). L-UE għandha wkoll tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha ma' pajjiżi u ma' organizzazzjonijiet tal-istess fehma anki permezz ta' fora internazzjonali u reġjonali dwar l-affarijiet marittimi.

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE dwar il-kooperazzjoni internazzjonali f'din l-Istrateġija huma:

- thegħegħ l-iffirmar u r-ratifika ta' strumenti internazzjonali relatati mas-sigurtà marittima, b'mod partikolari l-UNCLOS, u tippromwovi l-konformità, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki mas-sħab, fl-implimentazzjoni tal-liġi internazzjonali rilevanti għas-sigurtà marittima, fil-fora rilevanti;
- tintensifika aktar il-kooperazzjoni bejn il-persunal tal-UE u n-NATO dwar is-sigurtà marittima biex jiġu koperti l-kwistjonijiet kollha ta' interess reċiproku f'dan id-dominju, filwaqt li tibni fuq it-tliet Dikjarazzjonijiet Konġunti tal-2016, l-2018 u l-2023, inkluż it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, bl-għan li tiġi żgurata l-koerenza, tiġi approfondita l-ħidma komuni tagħna dwar it-tisħiħ tas-sigurtà marittima u jiġu evitati duplikazzjonijiet bla bżonn;
- tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi dwar is-sigurtà marittima, tibni fuq l-istrumenti u l-inizjattivi eżistenti, inkluż il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u azzjonijiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, mal-istati kostali fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE, inkluż fil-Balkani tal-Punent, kif ukoll mal-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar;
- twettaq eżerċizzji konġunti ta' sigurtà marittima mas-sħab biex tingħata spinta lill-interoperabbiltà, minbarra li twettaq waqfiet fil-portijiet tal-UE u pattulji aktar frekwenti, b'mod partikolari fl-Indo-Paċifiku, f'konformità mal-Boxxla Strateġika;

- tiskjera uffiċjali ta' kollegament tal-UE f'ċentri ta' fużjoni tal-informazzjoni marittima³⁰ f'żoni marittimi ta' interess għall-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni, inkluż dwar l-infurzar tal-liġi, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, bejn l-UE u s-sħab tagħha u, fejn xieraq, tevalwa l-fattibbiltà ta' konnessjoni diretta ta' dawn iċ-ċentri ta' fużjoni mas-sistemi rilevanti ta' sorveljanza marittima tal-UE;
- tfittex li tikseb l-istatus ta' Sieħeb fid-Djalogu għall-UE fl-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan biex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala sieħeb fis-sigurtà marittima fir-reġjun;
- tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali fl-iskambju tal-informazzjoni u s-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika, inkluż il-kejbils ta' taħt il-baħar u l-pipelines³¹, kif ukoll fis-sigurtà tal-bastimenti u tal-portijiet³², b'mod partikolari fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE.

³⁰ Iċ-ċentri tal-fużjoni tal-informazzjoni marittima huma entitajiet nazzjonali jew reġjonali li jiġbru l-informazzjoni biex itejbu l-għarfien tad-dominju marittimu f'żona ġeografika partikolari. FI-2022, l-UE skjerat l-ewwel uffiċjal ta' kollegament tagħha fiċ-Ċentru tal-Fużjoni tal-Informazzjoni f'Singapore.

³¹ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2023/C 20/01 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika.

³² F'konformità mal-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet; <https://www.imo.org/en/OurWork/Security/Pages/SOLAS-XI-2%20ISPS%20Code.aspx>

3. Tkun minn ta' quddiem fl-għarfien tad-dominju marittimu

L-għarfien tad-dominju marittimu (MDA) huwa l-fehim effettiv ta' attività assoċjata mad-dominju marittimu li tista' tħalli impatt fuq is-sigurtà, is-sikurezza, l-ekonomija jew l-ambjent tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Fuq il-bażi ta' ħtiġijiet u drittijiet tal-utenti ddefiniti b'mod ċar, dan jgħin lill-awtoritajiet li huma responsabbli għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u sorveljanza biex jipprevjenu u jindirizzaw b'mod komprensiv kull sitwazzjoni, avveniment u azzjoni relatati mad-dominju marittimu tal-UE.

MDA tajjeb huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw malajr it-theddid li qed jikber u li qed jevolvi li jaffettwa lill-UE u jwieġbu għalihom b'mod effettiv. L-UE ser tiegħu rwol ta' tmexxija fl-MDA billi ttejjeb il-għbir u l-iskambju tal-informazzjoni fost setturi marittimi diversi³³, u tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri, li jagħti stampa aktar preċiża tas-sitwazzjoni marittima. Fil-livell internazzjonali, l-UE ser tkompli l-ħidma tagħha biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' MDA tal-pajjiżi sħab permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet, speċjalment fil-Golf tal-Guinea u fl-Indo-Paċifiku.

Mill-2014, l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu progress sinifikanti fl-akkwist u fit-tpartit tal-informazzjoni fid-dominju marittimu billi żviluppaw u għaqqdu s-sistemi speċifiċi għas-settur użati mill-awtoritajiet diversi involuti fis-sorveljanza marittima³⁴. B'mod partikolari, l-UE żviluppat l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni (CISE)³⁵. Abbażi ta' parteċipazzjoni volontarja, is-CISE ser jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni f'ħin reali bejn l-awtoritajiet differenti responsabbli għall-funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta, inkluż il-militar, u jgħaqqad lill-awtoritajiet ikkonċernati fl-Istati Membri u bejniethom. Abbażi tal-proġett ta' riċerka tal-UE CISE2020, f'April 2019, il-Kummissjoni nediet il-fażi tranżizzjonali ta' CISE, u fdat il-koordinazzjoni tiegħu lill-EMSA, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri³⁶. Filwaqt li tkompli tibni fuq il-fażi tranżizzjonali, il-Kummissjoni beħsiebha tniedi l-fażi operazzjonali fl-2024 bl-appoġġ tal-EMSA.

³³ Is-setturi marittimi jinkludu s-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport marittimu, il-kontroll tas-sajd, it-tnejn u r-rispons għat-tniġġis tal-baħar, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, id-dwana, il-kontroll tal-fruntieri, l-infurzar tal-liġi ġenerali u d-difiża.

³⁴ Eż. Eurosur u SafeSeaNet (sistemi operazzjonali fil-livell tal-UE).

³⁵ 9946/21

³⁶ 11990/19

Fir-rigward tad-difiża, il-proġett ta' sorveljanza marittima (MARSUR) appoġġat mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) tfassal biex jippermetti lill-forzi navali tal-Istati Membri kontribwenti jiskambjaw l-informazzjoni u s-servizzi marittimi operazzjonali. Il-MARSUR jipprovdi valur miżjud operazzjonali, kif ġie attestat mill-fatt li l-Istati Membri tal-UE għażlu li jużawh biex jimplimentaw il-kunċett ta' CMP fil-Golf tal-Guinea u fil-Majjistral tal-Oċean Indjan. L-EDA u l-Istati Membri parteċipanti attwalment qegħdin jaħdmu biex isaħħu l-MARSUR permezz ta' programm iddedikat. F'konformità mal-Boxxla Strateġika, li titlob lill-UE ssaħħa l-għarfien tas-sitwazzjoni bbażat fuq l-intelligence u l-kapaċitajiet tagħha, l-UE għandha tagħmel użu sħiħ mill-kapaċitajiet kollha ta' sorveljanza marittima tal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku (eż. droni, inġenji tal-ajru tal-għassa, satelliti u teknoloġiji fixkiela emerġenti). L-Operazzjoni ATALANTA, permezz taċ-Ċentru għas-Sigurtà Marittima għall-Qarn tal-Afrika (MSC-HoA), hija involuta fl-MDA f'kooperazzjoni mill-qrib mas-settur tat-tbaħħir. Il-Programm Spazjali tal-UE, permezz tal-komponenti tiegħu bħal Copernicus, Galileo u IRIS³⁷, jista' jikkontribwixxi direttament għaż-żieda fl-MDA. Iċ-Ċentru Satellitari tal-UE (EU Satcen) huwa involut ukoll fl-MDA permezz tal-ħidma tiegħu mal-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence tal-UE, mal-Kummissjoni dwar Galileo/Copernicus u permezz tal-parteeipazzjoni tiegħu fis-CISE u fil-MARSUR. F'dak ir-rigward, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-assi spazjali rilevanti huma kruċjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi.

Minbarra l-ħidma rilevanti tal-EFCA, l-EMSA u l-Frontex fil-qafas tat-TWA, il-Forum dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta Ewropea u l-Forum dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta tal-Mediterran jistgħu jikkontribwixxu biex jiżdiedu l-MDA u l-kooperazzjoni operazzjonali bl-iskambju tal-aħjar prattiki.

³⁷ https://defence-industry-space.ec.europa.eu/welcome-iris2-infrastructure-resilience-interconnectivity-and-security-satellite-2022-11-17_mt

F'każ ta' diżastri jew aċċidenti, u meta l-kapaċitajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jlaħħqu, l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi terzi jistgħu jattivaw il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili³⁸. Permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emergenza³⁹, jistgħu jitolbu l-għajnuna, l-għarfien espert, jew analiżi tas-sitwazzjoni.

L-UE tikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-MDA fil-livell internazzjonali billi tmexxi inizjattivi ddedikati għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-proġett "Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċean Indjan" (CRIMARIO)⁴⁰ żviluppa għodod speċifiċi⁴¹ biex itejjeb l-MDA u jsaħħaħ il-kooperazzjoni ma' u fost is-sħab reġjonali. Dan huwa koerenti mal-involvement usa' tal-UE fis-sigurtà u d-difiża fir-reġjun Indo-Paċifiku. Bl-istess mod, il-proġett "Network Interreġjonali tal-Golf tal-Guinea" (GoGIN⁴²) żviluppa l-pjattaforma YARIS, għodda għat-tpartit tal-informazzjoni b'appoġġ għall-"Arkitettura ta' Yaoundé".

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE dwar l-għarfien tad-dominju marittimu f'din l-Istrateġija huma:

- tiżgura li l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni jsir operazzjonali sa nofs l-2024, li jippermetti l-iskambju sigur u strutturat ta' infurmazzjoni kklassifikata u mhux ikklassifikata fost l-awtoritajiet minn setturi differenti tas-sorveljanza marittima (ċivili u militari);

³⁸ [Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili \(europa.eu\)](https://europa.eu)

³⁹ [Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza \(ERCC\) \(europa.eu\)](https://europa.eu)

⁴⁰ Il-Kummissjoni Ewropea qed tiffinanzja lil CRIMARIO b'EUR 23 miljun bejn l-2015 u l-2025.

⁴¹ Il-pjattaformi IORIS u SHARE.IT.

⁴² Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tiffinanzja lil GOGIN b'EUR 11.5 miljun (2016-2023), u l-GOGIN II b'EUR 5 miljun (2023-2025).

- issaħħaħ in-network għall-iskambju tal-informazzjoni tas-sorveljanza marittima tad-difiża (MARSUR) billi tniedi programm iddedikat permezz tal-EDA, u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-MARSUR u s-CISE;
- tikkapitalizza fuq l-investiment li jkun sar permezz tal-Politika Spazjali tal-UE u tisfrutta aktar il-kapaċitajiet disponibbli permezz ta' Copernicus dwar is-sorveljanza marittima, il-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar u t-tibdil fil-klima;
- tintegra teknoloġiji bbażati fl-ispazju, sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod u stazzjonijiet tar-radar, inġenji tal-ajru tal-għassa marittima, u mezzi tal-baħar bi bdot abbord u mingħajru permezz ta' għodod innovattivi u b'reżiljenza ċibernetika biex tingħata spinta lill-MDA;
- issaħħaħ is-sorveljanza tal-bastimenti tal-għassa kostali u lil hinn mill-kosta u tikkomplementaha bi pjattaformi navali ta' livell għoli b'network diġitali, inkluż pjattaformi navali mingħajr ekwipaġġ biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' prevenzjoni u rispons;
- issaħħaħ il-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni bejn iċ-ċentri ta' operazzjonijiet marittimi nazzjonali tal-UE permezz tal-użu tas-CISE u l-MARSUR, fuq bażi reġjonali skont kif ikun xieraq, biex tfittex sorveljanza marittima integrata u ttejjibha fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE;
- issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-MDA tal-pajjiżi sħab permezz tal-proġetti GoGIN u CRIMARIO, inkluż billi tkompli toperazzjonalizza l-għodod tal-MDA (YARIS, IORIS u SHARE.IT) f'koordinazzjoni mas-servizzi satellitari ta' Copernicus.

4. L-immaniġġar tar-riskji u t-theddid

F'konformità mal-Boxxla Strateġika, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser itejbu l-kapaċità kollettiva tagħhom li jiddefendu s-sigurtà tagħhom u li jżidu r-reżiljenza u l-livell ta' tħejjija tagħhom għall-isfidi għas-sigurtà marittima, inkluż it-theddid ibridu u ċibernetiku. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr, b'kapaċitajiet ċivili u militari kkoordinati.

Il-kriminalità marittima, li tinkludi l-piraterija, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u s-serq bl-użu ta' armi fuq il-baħar jibqgħu sfidi kritiċi f'diversi reġjuni u jippreżentaw theddida ewlenija għas-sigurtà marittima, li jaffettwa l-libertà ta' navigazzjoni u jipperikola r-rotot kummerċjali ewlenin. Bħala fornitur globali tas-sigurtà marittima, l-UE tibqa' impenjata li tindirizza dawk l-isfidi ewlenin għas-sigurtà marittima inkluż permezz ta' azzjonijiet preventivi.

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali huma fost il-prijoritajiet politiċi ewlenin tal-UE li huma riflessi fl-azzjoni esterna tagħha permezz ta' ħafna strateġiji tematiċi jew ġeografiċi bħall-Global Gateway jew l-Istrateġija għall-Kooperazzjoni fl-Indo-Paċifiku, kif ukoll permezz tal-involviment diplomatiku tal-UE u d-Diplomazija tal-UE dwar il-Klima.

L-UE diġà ħadet passi sinifikanti biex tikseb in-newtralità klimatika sal-2050, u ser tiegħu azzjoni ulterjuri dwar il-problemi marbuta mat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u s-sigurtà. Ir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-rabta bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali u s-sigurtà u d-difiża f'Ġunju 2023⁴³. Din tinkludi, fost l-oħrajn, proposti għal għodod li jivvalutaw il-kawżi u l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-settur marittimu, fuq l-infrastruttura marittima, kif ukoll fuq il-karatteristiċi naturali u magħmula mill-bniedem taż-żoni kostali, inkluż fir-rigward tat-twissija bikrija, ir-riċerka bbażata fuq l-evidenza u l-immaġnijiet bis-satellita (eż. permezz tal-programm Copernicus). Fl-Artiku, l-għata polari tas-silġ qed tinħall, is-silġ tal-baħar qed jonqos, qed jinfetħu rotot ġodda tat-tbaħħir gradwalment, u ż-żieda konsegwenti fl-attivitajiet tal-bniedem hija mistennija li tiġġenera jew taggrava t-theddid għall-ambjent u għall-komunitajiet lokali. F'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Impenn aktar b'saħħtu tal-UE għal Artiku paċifiku, sostenibbli u prosperu"⁴⁴ għandha tkompli tiġi operazzjonalizzata mill-aktar fis possibbli b'mod partikolari fir-rigward ta' korsiji tat-tbaħħir b'emissjonijiet żero, ta' estrazzjoni sostenibbli ta' materja prima kritika, u tal-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni tal-Artiku. L-assi li joperaw fiż-żona tal-Artiku għandu jkollhom kapaċitajiet suffiċjenti għat-tkissir tas-silġ, it-tfittxija u s-salvataġġ, il-kopertura satellitari u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika lil hinn mill-kosta f'kundizzjonijiet estremi fix-xitwa.

⁴³ 11283/23

⁴⁴ 12870/21

Il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika fid-dominju marittimu hija prijorità ewlenija. L-UE għandha tikkomplementa r-rwol tal-Istati Membri fil-bini tar-reżiljenza tal-infrastruttura marittima kritika bħal pipelines jew kejbils taħt il-baħar li jaqsmu ż-żoni marittimi nazzjonali. Għandha ttejjeb il-valutazzjonijiet tar-riskju u tat-theddid attwali fuq din l-infrastruttura biex tibqa' aġġornata u tikkomplementahom b'għażliet ta' rispons u b'miżuri ta' mitigazzjoni li jibnu fuq l-għarfien u l-kapaċitajiet transsettorjali kif ukoll l-istrumenti biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri rispettivi. Huwa essenzjali li jibqa' jingħata l-appoġġ lill-Istati Membri biex jiżviluppaw assi protettivi taħt l-ilma, soluzzjonijiet kontra d-droni u kapaċitajiet ta' tiswija. Barra minn hekk, l-UE għandha tkompli tesplora l-possibbiltajiet tal-koeżistenza⁴⁵ tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ma' attivitajiet ta' difiża, kif irrakkomandat fl-istrateġija dwar l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta⁴⁶

L-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta għandhom rwol ewleni x'jaqdu fil-provvista ta' sorveljanza, monitoraġġ, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti fid-dominju marittimu tal-UE. Flimkien mal-assi navali, ir-rwol tagħhom bħala fornitur tas-sigurtà u tas-sikurezza marittima huwa vitali, peress li l-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta spiss jistgħu jaġixxu f'ċirkostanzi li mhux neċessarjament jippermettu l-intervent tal-awtoritajiet militari.

Bid-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi⁴⁷ u d-Direttiva riveduta dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (id-Direttiva NIS 2)⁴⁸, l-UE tinsab fuq quddiem nett fl-iżviluppi rilevanti, b'qafas legali komprensiv li jippermettilha ttejjeb kemm ir-reżiljenza fiżika kif ukoll dik ċibernetika tal-entitajiet u tal-infrastruttura kritiċi. L-UE għandha ttejjeb il-kooperazzjoni f'dan il-qasam mal-pajjiżi terzi tal-istess fehma u mas-sħab ewlenin bħan-NATO permezz tad-Djalogu Strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza.

⁴⁵ F'konformità mad-Direttiva dwar l-MSP, 2014/89/UE

⁴⁶ 12950/20

⁴⁷ Id-Direttiva (UE) 2022/2557

⁴⁸ Id-Direttiva (UE) 2022/2555

L-UE qed tiffaċċa l-isfida addizzjonali li tirriżulta minn kwantitajiet kbar ta' ordinanza mhux sploduta (UXO), u munizzjon kimiku u tnixxija taż-żejt minn nawfraggi li joriġinaw mill-Ewwel u mit-Tieni Gwerer Dinjija li jinsabu f'baċiri tal-baħar madwar l-UE. Din l-isfida saret ġiet aggravata aktar minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li qed tirriżulta f'mini fil-Baħar l-Iswed. It-tip, il-post u l-kwantità ta' din l-ordinanza mhumie x dokumentati tajjeb f'xi baċiri tal-baħar, u dan joħloq riskji għas-salvagwardja tal-individwi, għas-sigurtà u s-sikurezza marittima, għall-infrastruttura kritika nazzjonali, għall-ambjent (minħabba r-rilaxx possibbli ta' sustanzi kimiċi) u għall-attivitajiet tal-ekonomija blu (eż. il-kostruzzjoni ta' siti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew attivitajiet ta' sajd). Filwaqt li tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-proġetti eżistenti li rnexxew⁴⁹, l-UE għandha tkompli żżid l-isforzi biex tindirizza din il-kwistjoni b'mod komprensiv, billi żżid l-għarfien tas-sitwazzjoni, l-għodod u l-istrumenti li jgħinu jtaffu r-riskji assoċjati mal-UXO u t-tneħħija tagħha. Ser ikun importanti ħafna wkoll li l-UXO u l-mini li jitħallew fil-Baħar l-Iswed jitneħħew b'mod sikur, hekk kif il-kundizzjonijiet tas-sigurtà u dawk politiċi jippermettu.

Is-sigurtà marittima tista' tiddgħajjed wkoll minn atturi barranin, kemm minħabba r-riskji relatati mal-investiment dirett barrani fl-infrastruttura kritika, kif ukoll minħabba l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn dawn l-atturi. Dawn il-kwistjonijiet ser jiġu indirizzati permezz tal-istrumenti u l-oqfsa rilevanti; eż. l-investiment dirett barrani jiġi skrinjat f'konformità mar-Regolament rilevanti⁵⁰.

Il-kondiviżjoni tad-data u l-informazzjoni tal-baħar mal-pajjiżi terzi hija aspett ewlieni tal-kooperazzjoni. Madankollu, għandha tiddependi fuq valutazzjonijiet tar-riskju għas-sigurtà.

⁴⁹Proġetti biex il-Baħar Baltiku jitnaddaf mill-munizzjonijiet kimiċi u konvenzjonali b'appoġġ mill-programm Interreg iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - [10 years of Interreg cooperation to free the Baltic Sea from dumped munitions - Interreg Baltic Sea Region \(interreg-baltic.eu\)](https://interreg-baltic.eu/)

⁵⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/452

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri qed iwettqu valutazzjoni tar-riskju bl-għan li jipproduċu gwida biex itejbu s-sigurtà tal-bastimenti tal-passiġġieri fl-UE.

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE dwar il-ġestjoni tar-riskju u tat-theddid f'din l-Istrateġija huma:

- issaħħaħ il-kapaċità li jingħata kontribut għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-theddid internazzjonali serju u l-attivitajiet illeċiti, inkluż fl-MAIs;
- twettaq eżerċizzji tas-sigurtà marittima reali u regolari fil-livell tal-UE, iffukati, fost l-oħrajn, fuq il-protezzjoni tal-portijiet u fuq il-ġlieda kontra theddid bħal dak ċibernetiku u ibridu, flimkien mal-eżerċizzji navali annwali tal-forzi navali u l-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri msemmija hawn fuq;
- tuża assi u għodod ta' sorveljanza (eż. RPAS) u tiżgura l-aħjar użu tas-servizzi spazjali attwali u futuri (bħall-osservazzjoni tad-Dinja) biex tgħasses u tipproteġi l-infrastruttura marittima kritika;
- tiżviluppa pjanijiet ta' kooperazzjoni reġjonali tal-UE biex tiġi żgurata s-sorveljanza tal-infrastruttura ta' taħt l-ilma u lil hinn mill-kosta;
- tiżviluppa qafas koerenti mal-organizzazzjonijiet reġjonali, li jinkludi azzjonijiet konkreti u finanzjament, biex jiġi indirizzat it-theddid maħluq mill-UXO, l-armi attivi u l-armi kimiċi fil-baħar, monitoraġġ attiv u effiċjenti u tneħħija b'teknoloġiji innovattivi u b'impatt ambjentali minimu;

- ittejjeb it-twissija bikrija u l-prospettiva strateġika, fost l-oħrajn permezz tal-użu tas-servizzi spazjali, dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari ż-żieda fil-livell tal-baħar, il-mareġġati u d-degradazzjoni ambjentali;
- tfassal valutazzjonijiet tar-riskju, pjanijiet ta' kontinġenza u pjanijiet ta' rkupru minn diżastri (fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali) ġodda u ssaħħaħ dawk eżistenti, għall-portijiet, l-infrastruttura kostali, kif ukoll is-sigurtà tal-bastimenti tal-passiġġieri u l-ktajjen tat-trasport / tal-provvista;
- thegħeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-atturi marittimi dwar it-theddid ċibernetiku, u tkompli ssaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-bastimenti fil-livell tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO);
- ittejjeb l-MDA fl-Artiku, inkluż l-osservazzjoni spazjali; ikompli l-involvement mal-Istati kostali tal-Artiku b'mod bilaterali u f'fora multilaterali rilevanti, skont kif ikun jixraq, biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Politika dwar l-Artiku⁵¹;
- tivvaluta l-adegwatezza taż-żoni marittimi riżervati jew użati għal attivitajiet militari biex jiġu implimentati proġetti rinnovabbli lil hinn mill-kosta;
- tivvaluta l-investiment fl-infrastruttura marittima minn pajjiżi u entitajiet mhux fl-UE fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni stabbilit bir-Regolament dwar l-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin.

⁵¹ 12870/21

5. Jissaħħu l-kapaċitajiet

Biex tippromwovi l-interessi tas-sigurtà marittima tagħha, l-UE għandha taċċellera l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili kif ukoll dawk militari, li jinvolve lill-industrija skont kif ikun xieraq. Ir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&Ż) dwar l-aspetti ċivili tas-sigurtà marittima Ewropea huma inklużi fir-raggruppament tas-Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà tal-programm Orizzont Ewropa tal-UE. Ir-riċerka u l-iżvilupp attwali u li għejjin ser jappoġġaw l-iżvilupp tal-kapaċità fil-livell tal-UE, inkluż il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, il-ġestjoni tat-theddid taħt l-ilma, it-tħejjija u r-rispons għal diżastri antropoġeniċi u naturali, is-sigurtà tat-trasport marittimu tal-passiġġieri, u l-ġestjoni tal-UXO, li jinvolve lill-industrija meta jkun xieraq.

Fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, sabiex tiġi żgurata preżenza assertiva tal-Unjoni fuq il-baħar kif ukoll il-kapaċità li turi s-setgħa tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżviluppaw spettru sħiħ ta' kapaċitajiet marittimi, billi jużaw b'mod sħiħ l-ambitu għall-kooperazzjoni taħt inizzjattivi u strumenti relatati tal-UE⁵². B'mod partikolari, il-kapaċitajiet marittimi msaħħa għandhom jagħfsu biex jiżguraw ir-reżiljenza, il-kompetittività u l-kontroll tal-UE fl-oqsma kollha tad-dominju marittimu, f'koerenza man-NATO f'konformità mal-Boxxla Strateġika. Ir-rieżami li jinsab għaddej tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet⁵³ jibbaża fost l-oħrajn fuq it-tagħlimiet meħuda mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna. Pereżempju, l-EDA ser tesplora t-teknoloġiji ewlenin meħtieġa għall-ġestjoni ta' ġemgħat ta' droni marittimi mingħajr bdot abbord u għall-protezzjoni tal-infrastruttura kritika f'qiegħ il-baħar.

⁵² Il-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet, l-opportunitajiet kollaborattivi identifikati fil-qafas tar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża, il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, il-Fond Ewropew għad-Difiża.

⁵³ Il-Bord ta' Tmexxija tal-EDA ta' Ġunju 2022 nieda formalment ir-rieżami tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet.

Kif mitlub mill-Boxxla Strateġika u bi qbil mar-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)⁵⁴, jenħtieġ li l-proġetti nazzjonali u multinazzjonali jkollhom l-għan kemm li jegħlbu l-frammentazzjoni tal-assi kritiċi bħall-bastimenti tad-daqs ta' korvetta u s-sistemi abbord kif ukoll li jtejbju l-effettività operazzjonali tal-pjattaformi individwali. Diversi opportunitajiet għall-kooperazzjoni identifikati fiċ-ċiklu tal-CARD tal-2019-2022 wasslu għal proġetti ta' Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) f'sistemi marittimi mingħajr bdot abbord. Il-Fond Ewropew għad-Difiza⁵⁵ ser jappoġġa proġetti ta' riċerka u żvilupp, pereżempju dwar l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima, il-kapaċitajiet ta' sorveljanza marittima, il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika u l-kapaċitajiet taħt l-ilma.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ifittxu li jsaħħu l-kapaċitajiet li jippermettulhom jidentifikaw aħjar attivitajiet suspettużi biex jipproteġu l-infrastruttura kritika taħt l-ilma. L-UE u n-NATO għandhom jikkordinaw l-isforzi f'dan il-qasam kif xieraq sabiex jiżguraw koerenza tal-output meta r-rekwiżiti jikkoinċidu.

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE biex jissaħħu l-kapaċitajiet f'din l-Istrateġija huma:

- tiżviluppa rekwiżiti u kunċetti komuni għat-teknoloġija fis-sigurtà u d-difiża, inkluż għall-MDA, kemm fil-wiċċ kif ukoll taħt l-ilma;
- tibni sistemi interoperabbli mingħajr bdot abbord għall-monitoraġġ tal-infrastruttura marittima kritika, għall-ġlieda kontra ġemgħat ta' droni ostili eċċ.;

⁵⁴ Qasam ta' fokus "Bastimenti tal-Wiċċ Ewropej tal-Klassi tal-Pattulja"

⁵⁵ L-għan tal-EDF huwa li jsaħħaħ il-kompetittività u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża fl-UE. Għalhekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tal-Istati Membri.

- ittejjeb il-kapaċitajiet moderni ta' miżuri kontra l-mini, eż. billi tiżviluppa kunċett tal-operazzjonijiet tal-UE;
- tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet konġunti mtejba ta' inġenji tal-ajru tal-għassa marittima;
- tiżviluppa eżerċizzji konġunti ta' ttestjar u esperimentazzjoni għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet marittimi futuri tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.

6. Teduka u tħarriġ

Livell għoli ta' edukazzjoni, ħiliet u taħriġ speċjalizzati huwa indispensabbli biex l-UE tkun mgħammra biex tindirizza l-isfidi attwali u futuri għas-sigurtà marittima. L-indirizzar ta' theddid ibridu u ċibernetiku ġdid jeħtieġ operaturi b'ħiliet diġitali sodi u programmi speċifiċi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet. Soluzzjonijiet fil-forma ta' skambji bejn programmi ta' taħriġ militari, programmi ta' taħriġ konġunti bejn il-forzi navali tal-Istati Membri tal-UE u bejn istituzzjonijiet diversi ser jagħtu spinta lill-interoperabbiltà u jgħinu lill-UE twieġeb għal theddid ġdid b'mod aktar effettiv, ikkoordinat u inklużiv.

Bħala parti mill-Manwal Prattiku dwar il-kooperazzjoni Ewropea dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta, inħoloq katalogu ta' taħriġ, li jkopri l-korsijiet kollha mmexxija mill-Aġenziji tal-UE fid-dominji marittimi kollha. Il-manwal ser jiġi aġġornat kontinwament skont il-ħtiġijiet u l-iżviluppi. Il-proġett ta' suċċess tan-Network tal-Akkademja tat-Taħriġ tal-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta Ewropea (ECGFA NET) u l-kors ta' taħriġ armonizzat dwar il-funzjoni tal-gwardja tal-kosta għandhom ikomplu, speċjalment il-programm ta' skambju, li jinvolvi pajjiżi ġirien u kooperazzjoni reġjonali permezz ta' proġett iddedikat implimentat mill-EFCA b'kooperazzjoni mill-qrib mal-EMSA u l-Frontex. L-EMSA qed tiżviluppa wkoll kors dwar iċ-ċibersigurtà marittima. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu (CoE Ibridu) jorganizza korsijiet u konferenzi dwar it-theddid ibridu li jaffettwa d-dominju marittimu. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fis-settur tas-sigurtà marittima tal-UE għandhom jiġu appoġġati, u għandu jiġi promoss l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ tekniċi ta' livell għoli għan-nisa.

Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD)⁵⁶ jipprovdi taħriġ u edukazzjoni fil-livell tal-UE kemm għall-persunal ċivili kif ukoll għal dak militari biex jippromwovi fehim komuni tal-isfidi għas-sigurtà marittima u jqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol li dejjem qed jikber tal-UE f'dan il-qasam. Bl-appoġġ tal-KESD, sitt akkademji navali Ewropej bħalissa qed jaħdmu fuq il-kontenut ta' semestru navali internazzjonali komuni.

⁵⁶ Il-KESD, fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), jipprovdi taħriġ u edukazzjoni fil-livell tal-UE, fil-qasam tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) tal-Unjoni. Dan għandu l-għan li jiżviluppa u jippromwovi fehim komuni tal-PSDK fost il-persunal ċivili u militari, u li jidentifika u jxerred, permezz tal-attivitajiet ta' taħriġ tiegħu, prattiki tajbin fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet tal-PSDK. Permezz ta' dan, il-KESD jikkomplementa l-isforzi nazzjonali fil-qasam tat-taħriġ u l-edukazzjoni.

L-azzjonijiet ewlenin tal-UE dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ⁵⁷ f'din l-Istrateġija huma:

- ittejjeb il-ħiliet fir-rigward tas-sigurtà ċibernetika, ibrida u spazjali billi tappoġġa korsijiet ta' taħriġ ġodda u eżistenti offriti minn diversi istituzzjonijiet akkademiċi u korpi nazzjonali jew tal-UE kompetenti, kemm fil-qasam ċivili kif ukoll f'dak militari;
- twettaq programmi ta' taħriġ iddedikati miftuħa għal sħab mhux fl-UE biex jiġi indirizzat it-theddid eżistenti u emerġenti għas-sigurtà marittima;
- l-iżvilupp ta' "semestru navali internazzjonali" fil-qafas tal-Inizjattiva Ewropea għall-Iskambju ta' Uffiċjali Żgħażaġħ Militari (EMILYO)⁵⁸;
- twettaq eżerċizzji konġunti ċivili-militari u interaġenzjali bbażati fuq xenarji li jinvolve ġuriżdizzjoni kondiviża jew użu kondiviż tal-kapaċitajiet.

⁵⁷ Inkluż bħala parti mis-Sena tal-Ħiliet.

⁵⁸ <http://www.emilyo.eu/>; EMILYO mhijiex marbuta mal-Programm Erasmus+.

V. GĦODOD U STRUMENTI LI JAPPOĠĠAW L-AZZJONI TAL-UE DWAR IS-SIGURTÀ MARITTIMA

L-istrategġija riveduta għandha tiġi implimentata fl-ispirtu tal-approċċ integrat biex jiġu massimizzati s-sinerġiji u biex jiddaħħlu għodod u strumenti komplementari tal-UE. Dan għandu jinkludi:

- il-proġetti ta' difiża tar-riċerka u l-iżvilupp tal-Fond Ewropew għad-Difiża biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet tal-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE;
- il-Faċilità Ewropea għall-Paċi bħala mekkaniżmu ta' finanzjament mhux baġitarju għall-azzjoni tal-UE fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni b'implikazzjonijiet militari u ta' difiża;
- ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE dwar il-kapaċitajiet tas-sigurtà marittima ċivili b'mod partikolari taħt ir-Raggruppament 3 "Sigurtà Ċivili għas-Soċjetà" tal-programm Orizzont Ewropa tal-UE.
- l-opportunitajiet offruti mill-Fond għas-Sigurtà Interna u mill-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta tal-Istati Membri li jwettqu kompiti ta' infurzar tal-liġi u ta' kontroll fuq il-baħar;

- l-operazzjonijiet navali tal-UE (l-Operazzjonijiet ATALANTA u IRINI) u l-qafas ta' Preżenzi Marittimi Koordinati eżistenti;
- il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, b'mod partikolari billi tibbenefika mill-kapaċitajiet analitiċi u ta' rispons, kif ukoll billi timplimenta l-għanijiet tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reżiljenza għad-diżastri;
- il-programm tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali li jappoġġa sħubijiet internazzjonali biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima, b'mod partikolari l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima;
- l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (2021-2017), IPA III, minħabba l-ambitu tiegħu u l-enfasi tiegħu fuq il-pajjiżi kandidati;
- il-baġit tal-Politika Eterra u ta' Sigurtà Komuni għall-finanzjament ta' missjonijiet ċivili tal-PSDK;
- il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) għall-finanzjament tas-sorveljanza marittima u l-kooperazzjoni dwar il-funzjoni ta' gwardja tal-kosta;
- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-programmi Interreg li jappoġġaw l-investiment f'reġjuni u territorji kostali u ultraperiferiċi u f'pajjiżi li għandhom fruntieri marittimi komuni mal-UE.

VI. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jaħdmu flimkien mal-Kunsill biex jimplimentaw din l-istrateġija riveduta fl-oqsma ta' azzjoni identifikati hawn fuq u spjegati fil-pjan ta' azzjoni, filwaqt li jibnu fuq il-kisbiet tal-EUMSS mill-2014, bl-użu ta' strumenti u politiki eżistenti, u billi jsegwu l-gwida ġenerali tal-Boxxla Strateġika.

Tliet snin wara li l-istrateġija tiġi approvata mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jippreżentaw rapport ta' progress konġunt b'kontributi mill-Istati Membri lill-Kunsill.

Pjan ta' Azzjoni Rivedut tal-EUMSS¹

Objettiv Strateġiku 1. Jiżdedu l-attivitajiet fuq il-baħar

Objettivi	Azzjonijiet		Kronoloġija <i>Fejn applikabbli</i>	Atturi Kkonċernati²
1.1. L-espansjoni tar-rwol u l-azzjonijiet tal-UE fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE u lil hinn minnha.	It-tisħiħ tal-operazzjonijiet navali tal-PSDK tal-UE u l-konsolidazzjoni tal-implimentazzjoni tal-kunċett tal-Preżenzi Marittimi Koordinati (CMP)			
	1.1.1	L-operazzjonijiet navali tal-PSDK tal-UE (fosthom Atalanta u Irini) jiġu pprovduti bl-assi navali u tal-ajru elenkati fid-dikjarazzjonijiet konġunti tar-rekwiżiti kkombinati rispettivi tagħhom.	2025	SM, SEAE
	1.1.2	Jitqiesu żoni marittimi ġodda ta' interess li fihom jiġi implimentat is-CMP, abbażi ta' proposti mis-SEAE.	Mill-2023	SM, SEAE

¹ L-EUMSS ser tiġi implimentata permezz ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni u fil-qafas tal-Approċċ Integrat. Ser tuża l-politiki, l-għodod u l-istrumenti ċivili u militari kollha rilevanti tal-UE, u ser tikkoordina l-politiki u l-attivitajiet tal-atturi rilevanti kollha fil-livell Ewropew, fil-livell reġjonali u fil-livell nazzjonali, filwaqt li ssaħħa is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tagħhom. Ser tippromwovi wkoll involviment aktar koerenti tal-UE f'kunflitti u fi kriżijiet esterni, biex ittejjeb is-sigurtà tal-UE u taċ-ċittadini tagħha.

² L-atturi kkonċernati elenkati fil-pjan ta' azzjoni ser jikkontribwixxu skont il-kompetenzi, ir-responsabbiltajiet u l-mandati rispettivi tagħhom. L-aġenziji tal-UE f'dan il-pjan ta' azzjoni huma daww identifikati bħala atturi fid-diversi azzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni, u kwalunkwe rwol li jiġi assenjat lilhom huwa mingħajr preġudizzju għall-proċeduri u għad-deċiżjonijiet tal-bordijiet amministrattivi rispettivi tagħhom fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet tal-aġenziji għal dawn l-azzjonijiet. Il-Kummissjoni jew l-Istati Membri jistgħu jistiednu wkoll aġenziji rilevanti oħra tal-UE biex jikkollaboraw fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. L-aġenziji ser jipparteċipaw fil-ħidma internazzjonali permezz tas-servizzi rispettivi tal-UE ("DG prinċipali").

	L-iżvilupp ta' kooperazzjoni u sinerġiji bejn l-inizjattivi mmexxija mill-Istati Membri u dawk tal-UE dwar is-sigurtà marittima			
	1.1.3	Il-promozzjoni ta' aktar sinerġiji bejn l-Operazzjoni Atalanta tal-EUNAVFOR u l-Missjoni Ewropea ta' Sorveljanza Marittima fl-Istrett ta' Hormuz (EMASOH).	Mill-2023	SM, SEAE
	1.1.4	It-tisħiħ tal-koerenza u l-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE, inkluż permezz tas-CMP.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE
	1.1.5	L-appoġġ għall-azzjoni bis-servizzi ta' Fużjoni u l-kapaċitajiet ta' skambju ta' informazzjoni tal-EUROSUR, bħal dawk disponibbli permezz tas-CISE u s-Servizzi Marittimi Integrati (IMS), u koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' monitoraġġ f'żoni prefruntiera.	Fuq bażi kontinwa	Frontex, EMSA
	1.1.6	L-appoġġ għall-ħolqien ta' korsijiet tal-operaturi tal-persunal marittimu (MSCO) fl-Istati Membri billi jiġi pprovdut taħriġ u aċċess għall-kapaċitajiet u s-servizzi tal-EUROSUR.		
	1.1.7	Jiġi żgurat li l-azzjoni tal-UE fuq il-baħar u fuq l-art tkun komplementari mal-Approċċ Integrat tal-UE bil-promozzjoni ta' rabtiet mal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta (Arranġament ta' Ħidma Tripartitiku) u ta' kunċett ta' Operazzjoni Marittima bi Skop Multiplu żviluppat fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-UE dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta u implimentat mill-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta fil-baċiri tal-baħar ikkonċernati.	Mill-2023, fuq bażi kontinwa.	SM, COM, SEAE, EFCA, EMSA, Frontex
	1.1.8	Il-promozzjoni ta' sinerġiji, fejn hu xieraq u legalment fattibbli, bejn	Mill-2023, fuq	SM, COM,

		l-attivitajiet tal-PSDK u l-kunċetti ta' Operazzjoni Marittima bi Skopijiet Multipli żviluppati fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta.	bażi kontinwa.	SEAE, EFCA, EMSA, Frontex
	F'baċiri tal-baħar rilevanti madwar l-UE			
	1.1.9	L-organizzazzjoni ta' eżerċizzji tas-sigurtà marittimi, inkluż eżerċizzji navali annwali tal-flotot navali u tal-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri, li jinvolvi l-flotot navali u l-awtoritajiet tas-sigurtà marittima mill-akbar għadd possibbli ta' SM biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet ta' thejjiġa u ta' rispons għat-theddid tradizzjonali kif ukoll għar-riskji u t-theddid elenkati fl-Objettiv Strateġiku 4.	Kull sena, mill-2024.	SM, COM, SEAE (EUMS)
	1.1.10	Il-promozzjoni u l-inklużjoni tas-sigurtà marittima fil-ħidma dwar strateġiji u inizjattivi li jikkonċernaw il-baċiri tal-baħar madwar l-UE u dwar strateġiji makroreġjonali rilevanti, kif adatt.	Mill-2023, fuq bażi kontinwa.	SM, COM, SEAE
	L-Artiku			
	1.1.11	L-iżgurar ta' osservazzjoni satellitari suffiċjenti u l-immirar lejn biżżejjed servizzi SATCOM u PNT fir-rigward tar-rotot il-ġodda tal-Baħar Artiku, inkluż permezz tal-kapaċitajiet ta' Copernicus (inkluż is-servizz tal-baħar tiegħu – CMEMS u s-sorveljanza marittima CMS ³), biex jissaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni.	Sal-2025	SM, COM, EMSA
	1.1.12	Parteċipazzjoni ad hoc fil-ħidma tal-Kunsill tal-Artiku u f'fora	Fuq bażi	SM, SEAE,

³ <https://marine.copernicus.eu/>

		relatati.	kontinwa.	COM
	L-Atlantiku			
	1.1.13	L-appoġġ għall-operazzjonijiet kontra t-traffikar tad-droga permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u t-twettiq ta' operazzjonijiet konġunti, inkluż f'pajjiżi/ f'portijiet tat-tluq u f'portijiet u faċilitajiet tal-portijiet tad-destinazzjoni fl-UE, inkluż il-Baħar Karibew.	Mill-2023, fuq bażi kontinwa.	SM, COM, MAOC-N, EMSA, EUROPOL, Frontex
	1.1.14	L-istabbiliment ta' kooperazzjoni dwar is-sigurtà marittima ma' sħab minn madwar l-Oċean Atlantiku, inkluż organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali mill-Afrika u mill-Kontinent Amerikan.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
	1.1.15	L-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità marittima reġjonali biex jiġu estiżi l-programmi eżistenti ta' bini tal-kapaċità għas-sigurtà marittima (eż. il-Proċess ta' Rabat), it-titjib tal-koordinazzjoni tagħhom u l-iżvilupp ta' inizjattivi simili ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet reġjonali.	Fuq bażi kontinwa, mill-2024	SM, SEAE, COM
	1.1.16	It-twettiq ta' eżerċizzji konġunti u waqfiet f'portijiet ma' pajjiżi kostali tal-istess fehma, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-sigurtà marittima.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE
	Il-Baħar Baltiku			
	1.1.17	L-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jinvolti l-COM, il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku (CBSS) u l-HELCOM biex jikkoordinaw azzjonijiet xjentifiċi, operazzjonijiet, u tpartit tad-data biex jiġi	Mill-2023	SM, COM, SEAE

		implimentat pjan ta' azzjoni għall-indirizzar tal-UXO fil-Baħar Baltiku u l-possibbiltà ta' tixrid taż-żejt minn nawfraġji.		
	1.1.18	L-iżvilupp ta' għodda fil-livell reġjonali biex tippermetti t-tpartit tad-data dwar il-munizzjon skartat, it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskji u l-identifikazzjoni tal-aħjar modi biex jitneħħa l-munizzjon konvenzjonali u kimiku mill-Baħar Baltiku.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
	1.1.19	L-iżvilupp u l-espansjoni ta' teknoloġiji biex jiġu indirizzati l-UXO, bl-involviment ukoll ta' entitajiet ċivili, u l-promozzjoni ta' rabtiet mal-industrija.	Mill-2024, fuq bażi kontinwa.	SM, COM, SEAE
	1.1.20	Jiżdiedu aktar l-isforzi, inkluż bit-twaqqif ta' kampanja regolari li għandha l-għan li tnaddaf ir-Reġjun tal-Baħar Baltiku mill-munizzjon skartat bħala parti minn rispons komprensiv tal-UE għall-UXO, biex tippoteġi l-ambjent tal-baħar, tiżgura s-sigurtà tal-korsiji tal-baħar u tiffaċilita l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi marittimi.	Mill-2024, fuq bażi kontinwa.	SM, COM, SEAE
	Il-Baħar l-Iswed			
	1.1.21	It-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal rispons koordinat għat-tniġġis tal-baħar relatat ma' kunflitti armati, inkluż bl-iżvilupp ta' kurrikuli ġodda ta' taħriġ biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn diversi sorsi, inklużi eż. l-UXO, il-mini, it-tnixxijiet taż-żejt, il-bastimenti mgħarrqa, eċċ., li jista' jaffettwa wkoll il-bijodiversità u l-ekosistemi, bl-użu wkoll tal-Aġenda Marittima Komuni (CMA) għall-Baħar l-Iswed u l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni (SRIA) tal-Baħar l-Iswed.	Mill-2023	SM, COM, EMSA
	1.1.22	Il-bini fuq il-kapaċitajiet eżistenti tas-SatCen u ta' servizzi oħrajn tal-UE u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet attwali biex jiġu identifikati l-mini tal-baħar, inklużi dawk użati fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa	Mill-2023	SM, COM, SatCen

		kontra l-Ukrajna, li joħlqu riskju għat-tbajhir u għan-navigazzjoni.		
	Il-Mediterran			
	1.1.23	It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' pajjiżi sħab tal-Mediterran tal-istess fehma u t-tpartit tal-informazzjoni, fejn xieraq, biex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jwettqu l-kompiti ta' sorveljanza marittima, inkluż bl-għan li jidentifikaw u jipprevjenu l-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri u l-attivitajiet kriminali transfruntiera.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE, Frontex
	1.1.24	It-tisħiħ tal-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn l-Operazzjoni IRINI, l-EUBAM LIBYA u l-Aġenziji rilevanti tal-UE, biex jippermetti l-implimentazzjoni tal-mandat sħiħ tal-Operazzjoni IRINI.	Mill-2023	SM, COM, SEAE, Frontex, EMSA, SatCen
	1.1.25	It-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-Operazzjoni IRINI u s-sħab rilevanti, billi jkomplu jintużaw il-fora eżistenti għall-iskambju (eż. il-Konferenza SHADE MED) u jiġu esplorati modi biex jintużaw is-sinerġiji operazzjonali.	Mill-2023	SM, SEAE
	1.1.26	L-iżvilupp ta' korsijiet ta' taħriġ u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni, l-għarfien espert, l-assistenza teknika, it-taħriġ u l-aħjar Prattiki fost il-pajjiżi tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) biex jiġu indirizzati l-attivitajiet illeċiti fuq il-baħar, inkluż permezz tal-MedCGFF u f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-UgħM dwar l-SBE ⁴ .	Fuq bażi kontinwa, mill-2024	SM, COM, Frontex, EMSA, EFCA

⁴ L-Artikolu 71 tad-Dikjarazzjoni tal-UgħM dwar l-SBE: Il-Ministri jilqgħu r-rwol attiv li ħa l-MedCGFF fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali u fil-promozzjoni tal-fehim ta' kwistjonijiet marittimi ta' importanza reċiproka u ta' interess komuni relatati mal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta bejn il-

	1.1.27	L-identifikazzjoni u l-promozzjoni ta' attivitajiet ta' bini tal-kapaċità marittima reġjonali biex jiġu estiżi l-programmi eżistenti ta' bini tal-kapaċità għas-sigurtà marittima (eż. il-Proċess ta' Rabat), it-titjib tal-koordinazzjoni tagħhom u l-iżvilupp ta' inizjattivi simili ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet reġjonali.	Fuq bażi kontinwa, mill-2024	SM, SEAE, COM
	1.1.28	L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-GFCM/Skema Internazzjonali ta' Spezzjoni/Proġetti Pilota biex tittejjeb is-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd u biex tiġi appoġġata l-ġlieda kontra l-IUU.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, EFCA
	1.1.29	It-twertiq ta' eżerċizzji konġunti u waqfiet f'portijiet ma' pajjiżi kostali tal-istess fehma, sabiex jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-sigurtà marittima.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE
	Il-Baħar tat-Tramuntana			
	1.1.30	It-twertiq ta' eżerċizzju komprensiv ta' mmappjar tal-baċir tal-Baħar tat-Tramuntana sabiex titwettag valutazzjoni tar-riskju u jiġu identifikati l-aħjar modi biex jitneħħa l-munizzjon konvenzjonali u kimiku.	Sa tmiem l-2025	COM, SM
	F'Żoni Marittimi ta' Interess			
	1.1.31	Jiżdied l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-attivitajiet illegali u illeċiti fuq il-baħar, inkluż it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-droga, il-piraterija u s-sajd IUU.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE

fruntieri u s-setturi, kemm ċivili kif ukoll militari, u jistiednu lill-forum jiżviluppa attivitajiet ta' taħriġ u jiffaċilita iktar t-tpartit ta' informazzjoni, ta' għarfien espert, ta' assistenza teknika, tat-taħriġ u tal-aħjar Prattiki biex jiġu indirizzati l-attivitajiet illeċiti fuq il-baħar.

	Il-Golf tal-Guinea			
	1.1.32	Jibqa' jingħata l-appoġġ għall-Arkitettura ta' Yaoundé għas-sigurtà marittima, inkluż permezz tal-programm tan-Network ta' Informazzjoni Reġjonali tal-Golf tal-Guinea (GoGIN) u titjib fl-istat tad-dritt u fl-oqfsa legali nazzjonali fir-reġjun, inkluż permezz tal-programmi SWAIMS u PASSMAR li għaddejjin bħalissa, sakemm jitlestew fl-2024, u sussegwentement permezz tal-programm reġjonali suċċessur dwar is-sigurtà marittima, kif ukoll GoGIN II u l-pjattaforma YARIS.	Bażi kontinwa	SM, COM, SEAE, EMSA
	1.1.33	It-tisħiħ tal-koerenza bejn l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-konsolidazzjoni tas-CMP fil-Golf tal-Guinea.	Fuq bażi kontinwa	SM, SEAE, COM
	Indo-Paċifiku			
	1.1.34	It-titjib fil-mekkaniżmi ta' tpartit tal-informazzjoni, u jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet bejn iċ-ċentri tal-fużjoni tal-informazzjoni marittima bl-iżvilupp u l-espansjoni tal-użu tal-pjattaforma IORIS ta' CRIMARIO u l-inizjattiva SHARE.IT.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE
	1.1.35	It-twettiq ta' eżerċizzji konġunti u ta' waqfiet f'portijiet ma' sħab tal-istess fehma tal-Indo-Paċifiku, preferibbilment bl-użu tal-IORIS bħala għodda kollaborattiva.	Mill-2024	SM, COM, SEAE
	1.1.36	It-tisħiħ tal-koerenza bejn l-azzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE u bejn il-programmi tal-bini tal-kapaċità, inkluż	Mill-2023	

		permezz tas-CMP fil-Majjistral tal-Oċean Indjan.		
	1.1.37	Tiżdied il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà marittima ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), inkluż bil-kisba tal-istatus ta' Sieħeb ta' Djalogu fl-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan (IORA).	Mill-2023	
	1.1.38	Jitkompla l-appoġġ għall-arkitettura tas-sigurtà marittima fil-Punent tal-Oċean Indjan maħluq taħt il-qafas tal-programm MASE (sat-tlestija tal-azzjoni fl-2023) u dwar il-Kodiċi ta' Kondotta ta' Djibouti permezz tal-programm reġjonali li jmiss dwar is-sigurtà marittima fl-Afrika sub-Saħarjana.	Mill-2024	COM, SEAE
	1.1.39	Titkompla l-promozzjoni tal-Operazzjoni EUNAVFOR ATALANTA bħala qafas biex tiġi pprovduta s-sigurtà marittima skont il-mandat tagħha u biex jiżdiedu l-attivitajiet fuq il-baħar ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet tal-istess fehma, inkluż billi jittieħed kont tas-CMP NWIO.	Fuq bażi kontinwa	SM, SEAE
1.2 Il-promozzjoni tar-rispett tal-Liġi Internazzjonali u l-għlieda kontra l-attivitajiet illeċiti fuq il-baħar	Il-promozzjoni tal-konformità mal-UNCLOS u ma' strumenti internazzjonali oħra relatati mas-sigurtà marittima			
	1.2.1	Issir ħidma favur il-konformità ma', u jitħeġġu l-iffirmar u r-ratifika ta' strumenti internazzjonali b'rabta mas-sigurtà marittima, b'mod partikolari l-UNCLOS, u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki mal-istati kostali u mas-sħab fl-implimentazzjoni tal-liġi internazzjonali rilevanti għas-sigurtà marittima fil-fora rilevanti.	Fuq bażi kontinwa mill-2023	SM, COM, SEAE
	1.2.2	Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki u miżuri ta' bini ta' fiduċja biex jgħinu fl-implimentazzjoni tad-dritt internazzjonali fir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi sħab.	Fuq bażi kontinwa mill-	SM, COM, SEAE

			2023	
	Il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' aspetti tas-sigurtà marittima skont l-oqfsa legali tal-IMO u tal-UE			
	1.2.3	Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà marittima billi tiġi żgurata, pereżempju, il-konformità mal-istrumenti legali internazzjonali tal-IMO, b'mod partikolari biex jiġi implimentat il-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet (ISPS).	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, EMSA
	1.2.4	Il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' linji gwida tal-COM MARSEC, inklużi linji gwida dwar iċ-ċibersigurtà, f'konformità mar-regolamenti tal-IMO, biex jiġu promossi l-funzjonijiet ta' kontroll tas-sigurtà tal-portijiet u tal-bastimenti.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, EMSA
	1.2.5	It-tweġġ ta' għadd suffiċjenti ta' spezzjonijiet tas-sigurtà marittima tal-Kummissjoni bħala attività annwali regolari biex tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà Marittima fl-Istati Membri; jibqgħu jiġi esplorati modi biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima, inkluż iċ-ċibersigurtà, speċjalment għat-trasport marittimu, inkluż il-vapuri tal-passiġġieri.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, EMSA
	Jingħata appoġġ fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), f'konformità mal-approċċ konsolidat tal-UE u l-aħjar prattiki.			
	1.2.6	Jitkompla l-appoġġ lill-Istati Membri f'operazzjonijiet konġunti u ta' kontroll tas-sajd filwaqt li jiġu implimentati pjanijiet ta' eżerċizzju konġunt tal-EFCA biex jippermettu t-tpartit permanenti ta' informazzjoni u attivitajiet ta' intelligence u ta' kontroll, ippjanati abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskji.	Bażi kontinwa, għaddej attwalment	SM, COM, EFCA

	1.2.7	Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, inkluż it-tpartit tad-data, biex jittejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u biex jiġu appoġġati l-awtoritajiet tas-sajd tal-UE u dawk mhux tal-UE ⁵ (inkluż iċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd nazzjonali u reġjonali), fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni reġjonali u nazzjonali applikabbli.	Għaddej attwalment	SM, COM, EFCA, EMSA, Frontex
	1.2.8	Jingħata appoġġ lill-forzi tal-gwardja tal-kosta u navali tal-Istati Membri biex jipprovdu servizzi fiż-żoni rilevanti tal-konvenzjoni tal-RFMOs, biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-baħħara, tal-bastimenti tas-sajd u tal-flotot (eż. mill-piraterija), biex jiġu kkontrollati aħjar u eliminati l-abbużi serji tal-ħaddiema u x-xogħol furzat.	Bażi kontinwa, mill-2023	SM, COM
	1.2.9	Tittieħed l-azzjoni biex jiġu kkontrollati u eliminati l-abbużi serji tal-ħaddiema u x-xogħol furzat.	Bażi kontinwa, mill-2023	SM, COM
	Jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri u l-ġlieda kontra attivitajiet kriminali transfruntiera bħall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jew merkanzija, u t-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi fuq partijiet tal-UE li huma affettwati b'mod partikolari mill-perssioni tal-migrazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet mhux awtorizzati ta' esplorazzjoni u tħaffir illegali għall-idrokarburi			
	1.2.10	Jiġi żviluppat rispons koerenti u robust għall-ġlieda kontra l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni bil-baħar u biex jiġu skoraġġuti, eliminati u mħarrka n-networks kriminali li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' migranti u li jittraffikaw il-bnedmin.	Mill-2023	SM, COM, SEAE, Frontex, Europol, Eurojust

⁵ L-appoġġ għas-sajd lill-awtoritajiet tal-UE u mhux tal-UE jaqa' taħt il-mandat tal-EFCA bl-appoġġ tal-aġenziji l-oħra. L-appoġġ lill-awtoritajiet tas-sajd mhux tal-UE jeħtieġ talba speċifika pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea.

	1.2.11	Jittieħed vantaġġ mill-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament tal-EBCG ⁶ u mill-kooperazzjoni strutturata bejn l-atturi rilevanti (eż. il-EUROPOL, l-INTERPOL, il-UNODC), u bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-attivitajiet tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), tissaħħaħ l-analiżi tar-riskji biex jiġu identifikati ż-żoni u l-portijiet marittimi li għandhom jiġu mmonitorjati, kif ukoll il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru li għandhom jiġu traċċati, għall-finijiet tal-ġlieda kontra attivitajiet illeċiti transfruntieri.	Mill-2024	SM, COM, EMSA, Frontex
	1.2.12	Tinħoloq u tinżamm aġġornata stampa tas-sitwazzjoni tal-UE inkluż iż-żona prefruntiera, abbażi tat-tpartit tal-informazzjoni, tal-analiżi tar-riskji u tas-sorveljanza u l-għassa mill-ajru proattivi.	Mill-2024	SM, Frontex
	1.2.13	Jiġu salvagwardati ż-żoni marittimi tal-Istati Membri tal-UE minn attivitajiet mhux awtorizzati ta' esplorazzjoni u tħaffir illegali għall-idrokarburi u riżorsi oħra, f'konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-UNCLOS.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, SEAE

Objettiv Strateġiku 2. Kooperazzjoni mas-sħab

Objettivi	Azzjonijiet	Kronoloġija <i>Fejn applikabbli</i>	Atturi Kkonċernati
-----------	-------------	--	-----------------------

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1896

2.1 Tingħata spinta lill-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma u strateġiċi	Tingħata spinta lill-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma u strateġiċi			
	2.1.1	Tiżdied il-parteċipazzjoni tal-UE fil-mekkaniżmi SHADE fil-qasam marittimu, inkluż is-sottogruppi ta' ħidma GOG SHADE. Il-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-G7++ FOGG (il-Ħbieb tal-Golf tal-Guinea) u s-sottogruppi ta' ħidma tiegħu. Il-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' Djibouti u s-sottogruppi ta' ħidma tiegħu.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, SEAE, COM
	2.1.2	Jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mas-sħab internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà marittima ta' interess komuni bħas-sorveljanza u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika.	Mill-2023	SM, SEAE, COM
	2.1.3	Jingħata appoġġ lill-pajjiżi sħab fil-bini tal-kapaċitajiet tagħhom għall-governanza marittima, l-istat tad-dritt, inkluż il-proċeduri għal soluzzjoni legali ⁷ , u l-kapaċitajiet militari u navali tagħhom, inkluż permezz tal-użu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
	2.1.4	Jitwettqu studji biex jiġi approfondit il-fehim tad-dipendenzi tan-negozju u l-kummerċ fuq portijiet u linji marittimi ewlenin ta' komunikazzjoni fl-UE u lil hinn minnha u jiġu żviluppati formati ta' skambju ma' atturi kummerċjali u industrijali ewlenin li jiddependu fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni kif ukoll kumpaniji tat-tbajhir biex jitrawwem fehim reċiproku dwar id-dipendenza fuq is-sigurtà	Mill-2023	SM, SEAE, COM

⁷ Proċeduri relatati mal-prosekuzzjoni ta' persuni suspettati involuti f'reati kriminali marittimi, b'mod partikolari l-piraterija u s-serq bl-użu tal-armi fuq il-baħar.

		marittima u l-linji ta' komunikazzjoni tal-baħar.		
	Tissaħħaħ il-kooperazzjoni u jiżdiedu l-interazzjonijiet operazzjonali mas-sħab kollha fuq il-baħar			
	2.1.5	L-użu ta' uffiċjali ta' kollegament tal-UE f'ċentri reġjonali tal-fużjoni tal-informazzjoni marittima f'żoni marittimi ta' interess, biex jiġu ffaċilitati t-tpartit tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-UE u s-sħab tagħha u, fejn jixraq, biex tiġi evalwata l-fattibbiltà ta' konnessjoni diretta ta' dawn iċ-ċentri tal-fużjoni ma' sistemi rilevanti tas-sorveljanza marittima tal-UE	Mill-2023	SM, SEAE
	2.1.6	Jiġi promoss l-użu ta' pjattaformi bħal IORIS u YARIS mill-assi navali tal-Istati Membri skjerati fis-CMP għall-komunikazzjoni esterna u f'eżerċizzji mal-istati kostali u s-sħab.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, SEAE, EDA
	2.1.7	Jiġu stabbiliti għodod kollaborattivi ċivili bejn l-operazzjonijiet marittimi li jitwettqu mill-Istati Membri tal-UE u mill-Aġenziji tal-UE.	Mill-2024	SM, COM, SEAE, EDA, EMSA, EUROPOL, SatCen, Frontex
	Is-sigurtà marittima tiġi inkluża fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet reġjonali			
	2.1.8	Jiġu żviluppati rabtiet ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet reġjonali permezz tal-involvement f' proġetti konġunti relatati mas-sigurtà u s-sikurezza marittima, skont kif jixraq.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
	2.1.9	Tiġi żviluppata l-kooperazzjoni fil-funzjoni tal-gwardja tal-kosta fil-	Mill-2023	SM, SEAE,

		qafas ta' arranġamenti ta' ħidma u ftehimiet dwar l-istatus eżistenti jew li ġejjin ma' pajjiżi sħab, inkluż għat-tisħiħ tas-sorveljanza marittima.		Frontex, EMSA, EFCA
2.2 Ħidma ma' sħab mhux fl-UE biex tiżdied is-sorveljanza marittima	Ħidma ma' sħab mhux fl-UE dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għat-tpartit tal-informazzjoni dwar is-sorveljanza marittima			
	2.2.1	Jinżamm l-appoġġ għall-arkitettura tas-sigurtà marittima reġjonali fil-Punent tal-Oċean Indjan.	Fuq bażi kontinwa	COM, SEAE
	2.2.2	Jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi sħab fil-qafas tal-EUROSUR, u permezz tal-attivazzjoni ta' stampi tas-sitwazzjonijiet speċifiċi (l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-EBCG 2.0).	Sa tmiem l-2024	SM, COM, SEAE, EDA, Frontex
	Jissaħħu l-arkitetturi tas-sigurtà marittima u tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-baċiri tal-baħar u fiż-żoni marittimi ta' interess strateġiku			
	2.2.3	Jingħata appoġġ għall-bini tal-kapaċità marittima u jittejjeb l-għarfien tad-dominju marittimu fir-reġjun Indo-Paċifiku permezz tal-MASE, sat-tlestija tiegħu f'Diċembru 2023, u sussegwentement permezz tal-programm reġjonali suċċessur dwar is-sigurtà marittima, li jibda fl-2024, kif ukoll permezz tal-proġett CRIMARIO, fosthom il-pjattaforma IORIS.	Fuq bażi kontinwa	COM, SEAE
	2.2.4	Jissaħħu s-sinerġiji bejn il-programmi Ecofish u PSP, CRIMARIO u MASE, sat-tlestija tiegħu, u sussegwentement permezz tal-programm reġjonali suċċessur dwar is-sigurtà marittima.		COM, SEAE
	2.2.5	Jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tal-arkitettura tas-sigurtà marittima ta' Yaoundé fir-reġjun tal-Golf tal-Guinea permezz tal-		COM, SEAE

		GoGIN u l-pjattaforma YARIS f'kooperazzjoni mas-sħab rilevanti.		
2.3 Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u multilaterali	Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u multilaterali			
	2.3.1	Tiġi approfondita l-kooperazzjoni man-NATO dwar is-sigurtà marittima fil-qafas maqbul tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti u s-sett komuni ta' proposti, inkluż permezz tad-djalogu strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-reżiljenza, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-ftuħ reċiproku u t-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività kif ukoll l-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet ⁸ .	Mill-2023	SM, SEAE, EDA
	2.3.2	Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Konvenzjonijiet tal-IMO u tal-Baħar Reġjonali biex jiġi miġġieled it-theddid ta' atti intenzjonati u illegali li jistgħu jaffettwaw il-bastimenti u l-faċilitajiet tal-portijiet b'mod ġenerali.	Mill-2024	SM, COM, EMSA, HELCOM, OSPAR, Konvenzjoni ta' Barċellona
	2.3.3	Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UNODC fl-indirizzar tal-kriminalità organizzata tranżnazzjonali li topera fuq il-baħar jew permezz tal-baħar.	Mill-2024	SM, SEAE, Frontex

Objettiv Strateġiku 3. Inkunu minn ta' quddiem fl-għarfien tad-dominju marittimu

Objettivi	Azzjonijiet	Kronoloġija	Atturi
-----------	-------------	-------------	--------

⁸ Għal-lista ta' oqsma ta' kooperazzjoni ara t-test tat-Tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni UE-NATO tal-10 ta' Jannar 2023 (<https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2023/01/10/eu-nato-joint-declaration-10-january-2023/>)

		<i>Fejn applikabbli</i>	Kkonċernati
3.1. Jittejjeb l-għarfien tad-dominju marittimu tal-UE	Jiġi żgurat l-iskambju sigur u rapidu ta' informazzjoni bejn is-setturi u s-sistemi relatati kollha madwar l-UE u l-EFTA		
	3.1.1	Titnieda l-fażi operazzjonali tas-CISE, inkluża l-implimentazzjoni tan-network ikklassifikat tas-CISE.	Mill-2024 SM, COM, EMSA ⁹
	3.1.2	Il-gwardja tal-kosta u awtoritajiet militari speċifiċi tal-Istati Membri jiġu mħeġġa/inċentivati biex jissieħbu fil-komunità tas-CISE.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023 COM, EMSA
	3.1.3	L-użu tas-CISE għat-tpartit ta' informazzjoni tas-sorveljanza marittima, biex tingħata spinta lir-reżiljenza u tiġi protetta l-infrastruttura marittima kritika (eż. kejbils taħt il-baħar, pipelines, u siti rinnovabbli lil hinn mill-kosta).	Mill-2024 SM, COM, EDA, SatCen, EMSA
	3.1.4	Jiġi kkunsidrat l-użu tas-CISE għat-tpartit tal-informazzjoni fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, b'mod komplementari għan-networks li diġà qegħdin fis-seħħ.	Fuq bażi kontinwa, li tibda malli jibda jaħdem is-CISE. SM, EFCA, EMSA u Frontex
	3.1.5	Jiġi appoġġat it-twaqqif ta' programm dwar l-MSA għad-difiża, filwaqt li tiġi żgurata s-sinkronizzazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ċivili rilevanti.	Sal-2024 SM, EDA

⁹ Il-fażi operazzjonali u t-twaqqit ta' kull azzjoni elenkata f'dan il-pjan ta' azzjoni huma soġġetti għall-attivazzjoni tal-kompitu, wara l-approvazzjoni tal-Bord tal-EMSA.

	Jissaħħaħ it-tpartit tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet marittimi ċivili u militari			
	3.1.6	Tissaħħaħ il-MARSUR billi jiġi stabbilit korp regolatorju, u jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali bejn in-Network tal-MARSUR u s-CISE (inkluża informazzjoni klassifikata u mhux klassifikata).	Tmiem l-2024	COM, EMSA, EDA, SatCen, SM
	3.1.7	Jissaħħu l-komunikazzjoni u l-koordinazzjoni fost iċ-ċentri tal-operazzjonijiet marittimi nazzjonali tal-UE permezz tal-użu ta' CISE u MARSUR, fuq bażi reġjonali kif xieraq, biex tkun insegwita u mtejba s-sorveljanza marittima integrata fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, EDA, SEAE, (EUMS), EMSA
	3.1.8	Tirrinforza l-MS-C-HoA biex ittejjeb l-MDA f'oqsma kruċjali għat-traffiku marittimu.	Fuq bażi kontinwa	SM, SEAE
	Tissaħħaħ is-sorveljanza marittima u l-iskambju ta' informazzjoni, bl-użu ta' kapaċitajiet ibbażati fl-ispazju, tal-RPAS u ta' teknoloġiji emerġenti oħra, inkluż għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE			
	3.1.9	Jiġi ffaċilitat it-tpartit tal-informazzjoni rilevanti bejn il-kapaċitajiet ibbażati fl-ispazju u l-istrumenti ta' sorveljanza marittima, inkluż is-CISE u l-MARSUR.	Tmiem l-2024	SM, COM, EMSA, EDA, ESA, SatCen
	3.1.10	Isir użu sħiħ mill-kapaċitajiet u mis-servizzi eżistenti u futuri tal-programmi spazjali tal-UE, inkluż il-komponent tal-Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus, inkluż is-servizz marittimu tiegħu - CMEMS, u s-sorveljanza marittima CMS), Galileo (u s-sistema tiegħu ta' rispons għat-theiddid) u EGNOS, kif ukoll l-IRIS ¹⁰ , inkluż għall-	Mill-2023	SM, COM, SEAE, EMSA, EFCA, SatCen

¹⁰ https://defence-industry-space.ec.europa.eu/welcome-iris2-infrastructure-resilience-interconnectivity-and-security-satellite-2022-11-17_mt

		finijiet tas-sorveljanza marittima, il-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar u tat-tibdil fil-klima.		
	3.1.11	Tiġi promossa r-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) spazjali għall-applikazzjonijiet ta' sorveljanza marittima, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni ta' atturi ewlenin u tal-industrija, flimkien ma' Ċentru Satellitari tal-UE u mal-Aġenda ta' Riċerka Strateġika dwar is-Sigurtà ta' Copernicus.	Mill-2023	SM, COM, EMSA, Frontex, SatCen
	3.1.12	Tittejjeb l-integrazzjoni tat-teknoloġija bbażata fl-ispazju b'sistemi ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod kif ukoll stazzjonijiet tar-radar, inġenji tal-ajru tal-ġhasa marittima, u mezzi tal-baħar (bi bdot abbord jew mingħajru) bl-użu ta' għodod innovattivi u b'reżiljenza ċibernetika.	Fuq bażi kontinwa mill-2023	SM, EMSA, Frontex, SatCen
	3.1.13	Tiżdied is-sorveljanza mill-bastimenti tal-ġhasa kostali u lil hinn mill-kosta u din tiġi kkomplementata bi pjattaformi navali ta' livell għoli b'network diġitali, inklużi pjattaformi mingħajr bdot abbord, skont ir-regoli nazzjonali.	Il-proġett pilota għandu jiġi implimentat sal-2025	SM, COM, SEAE, EDA, Frontex
	3.1.14	Isir użu sistematiku minn soluzzjonijiet innovattivi (teknoloġija u għarfien) li jirriżultaw mir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fis-sigurtà ċivili tal-UE dwar is-sigurtà marittima ffinanzjati taħt is-sejthiet għas-Sigurtà tal-Fruntieri u Esterna ta' Orizzont 2020.	Mill-2023	SM
	3.1.15	Jitqies l-użu ta' radar stazzjonarju, ta' apparati ottiċi satellitari u iperspettrali f'postijiet strateġiċi, biex jgħin jiġi identifikat aħjar it-theddid għas-sigurtà marittima, jekk ikun deċiż hekk.	Fuq bażi kontinwa	SM, EMSA, Frontex

	3.1.16	Fil-qafas tal-Forum dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta Ewropea u tal-Forum dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta Mediterranja, isir kontribut għat-tisħiħ tal-għarfien tad-dominju marittimu u għall-kooperazzjoni tal-UE u internazzjonali permezz tattpartit tal-aħjar Prattiki.	Mill-2023	SM, SEAE, COM, EFCA, EMSA, Frontex
	Jiġu żviluppati l-Kapaċitajiet tas-Sorveljanza Marittima			
	3.1.17	Jiġi kkunsidrat l-iżvilupp tad-diżinj tat-tagħmir u tas-sistemi, bħal missjoni satellitari żgħira li tiġi implimentata fil-qafas ta' kostellazzjoni, ta' networks tar-radar kostali, u ta' pjattaformi semi fissi fuq il-baħar mingħajr bdot abbord.	Mill-2023	COM, SM
3.2 Ħidma ma' sħab rilevanti mhux fl-UE dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għat-tpartit tal-informazzjoni miġbura mis-sorveljanza marittima	Ħidma ma' sħab rilevanti mhux fl-UE dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għat-tpartit tal-informazzjoni miġbura mis-sorveljanza marittima			
	3.2.1	Jingħata appoġġ għall-bini tal-kapaċità marittima u jiżdied l-għarfien tad-dominju marittimu fir-reġjun Indo-Paċifiku permezz tal-MASE, sat-tlestija tiegħu f'Diċembru 2023, u sussegwentement permezz tal-programm reġjonali suċċessur tas-sigurtà marittima, li jibda mill-2024, kif ukoll il-proġett CRIMARIO, inkluż il-pjattaforma IORIS.	Fuq bażi kontinwa	COM, SEAE
	3.2.2	Jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tal-arkitettura tas-sigurtà marittima ta' Yaoundé fir-reġjun tal-Golf tal-Guinea permezz tal-GoGin, speċjalment il-pjattaforma YARIS.	Għaddej attwalment	COM, SEAE
	3.2.3	Jingħata appoġġ lil sħab tal-istess fehma li mhumieq membri fl-UE b'ritratti satellitari u analiżijiet minn aġenziji tal-UE fil-kuntest ta' proġetti ddedikati, inkluż fir-rigward ta' attivitajiet tas-sajd IUU.	Għaddej attwalment	COM, SEAE, EFCA, SatCen

Objettiv Strateġiku 4. L-immaniġġjar tar-riskji u t-theddid

Objettivi	Azzjonijiet		Kronoloġija <i>Fejn Applikabbli</i>	Atturi Kkonċernati
4.1 Jitkompla l-iżvilupp tal- għarfien u t-tħejjija biex jiġu indirizzati t-theddidiet marbuta mat-tibdil fil-klima u mad-degradazzjoni ambjentali	4.1.1	Jissaħħu l-kapaċitajiet ta' koordinazzjoni u ta' intervent fil-każ ta' inċidenti u diżastri fuq il-baħar, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sistemi ospitati mill-EMSA u għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u bit-tisħiħ u/jew bl-iżvilupp ta' approċċ integrat u reazzjoni rapida għall-ġestjoni tal-inċidenti marittimi.	Fuq bażi kontinwa	SM, COM, SEAE, EDA, EMSA
	4.1.2	Jiżdied l-għarfien dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima, taż-żieda fil-livell tal-baħar, taż-żidiet fil-maltempati, u tad-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà marittima u jiġu indirizzati r-riskji u t-theddidiet relatati.	Fuq bażi kontinwa, mill- 2023.	COM, SEAE, SM, EDA, SatCen
	4.1.3	Jissaħħu l-għarfien tad-dominju marittimu, it-twissija bikrija u l-previżjoni strateġika dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà marittima, inkluż billi jiġu ffaċilitati l-ġbir u t-tpartit tad-data miġbura mill-osservazzjoni tal-oċeani, wara valutazzjoni tal-impatt.	Fuq bażi kontinwa, mill- 2023.	COM, SEAE, SM, EDA, Frontex, SatCen
	4.1.4	Jitwessgħu t-taħriġ u l-eżerċizzji mmexxija mill-awtoritajiet kompetenti biex iħarrġu n-nies fit-tħejjija u fir-rispons għall-effetti tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà marittima.	Fuq bażi kontinwa, mill- 2024	SM, COM, SEAE
	4.1.5	Jingħata kontribut għall-iżvilupp tat-Tewmi Diġitali tal-Oċean (DTO), bil-perspettiva tas-sigurtà marittima, biex jiġu indirizzati l-impatti reċiproċi tas-sigurtà marittima u ta' ambjent u klima li qed jinbidlu.	Fuq bażi kontinwa, mill- 2024	SM, COM

	4.1.6	Jiġi kkunsidrat l-indirizzar tal-operazzjonijiet minn vapur għal vapur li jistgħu jirrappreżentaw attakk ibridu.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	COM, SM, SEAE
Jiżiedu r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika (eż. pipelines tal-gass, kejbils taħt il-baħar, portijiet, faċilitajiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta, terminals tal-LNG, u unitajiet ta' ħżin u rigassifikazzjoni galleġġanti)	Jissaħħu r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikitajiet reġjonali u l-livelli ta' theddid.			
	4.2.1	Jiġu promossi proġetti reġjonali fil-baċiri tal-baħar kollha madwar l-UE biex jissaħħu r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, sabiex jiġu salvagwardjati l-kontinwità, id-disponibbiltà u l-kunfidenzjalità ta' proċessi bħad-distribuzzjoni tal-enerġija u l-internet u t-traffiku tad-data.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, COM, SEAE
	4.2.2	Jitfasslu valutazzjoni tar-riskji u pjanijiet ta' kontinġenza/pjanijiet ta' rkupru minn diżastri (livell tal-UE/livell nazzjonali) għall-infrastruttura marittima kritika, li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż mis-settur privat, u mingħajr preġudizzju għad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (eż. dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-entitajiet kritiċi fis-settur tat-trasport u fis-sottosettur tat-trasport bl-ilma).	Mill-2023	SM, COM, SEAE, EUMS, EDA, EMSA
	4.2.3	Jitwettqu testijiet tal-istress għall-infrastruttura marittima, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill 15623/22, bl-użu fejn japplika, tal-istandards tal-metodoloġija tat-testijiet tal-istress għall-infrastruttura kritika (CI) żviluppati taħt il-proġett INFRASTRESS.	Mill-2023	SM, COM
	4.2.4	Jitwettqu eżerċizzji sħaħ marittimi reali regolari, fil-livell tal-UE, iffukati fost l-oħrajn fuq il-protezzjoni tal-portijiet, l-indirizzar tat-theddid ċibernetiku u ibridu, li jinvolvu wkoll il-Mekkaniżmu tal-	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, COM, SEAE, ECGFF, EDA,

		Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, fejn jixraq.		Frontex, ENISA
	4.2.5	Tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji rilevanti tal-UE, biex jiġi żviluppat pjan ta' sorveljanza reġjonali għall-infrastruttura ta' taħt wiċċ l-ilma u lil hinn mill-kosta, bil-għan li tiġi skoraġġuta l-azzjoni ostili kontra t-tali infrastruttura. Tiżdied il-kooperazzjoni fil-valutazzjoni tal-inċidenti; il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ċivili u militari, u fil-kondiviżjoni tal-assi u t-tpartit tal-informazzjoni għall-protezzjoni tal-infrastruttura ta' taħt wiċċ l-ilma u lil hinn mill-kosta. Tiżdied il-kooperazzjoni f'dan il-qasam ma' pajjiżi terzi tal-istess fehma u sħab ewlenin bħan-NATO permezz tad-Djalogu Strutturat bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza.	Mill-2024	SM, COM, EDA, EMSA
	4.2.6	Jiġu żviluppati u skjerati, kif xieraq, bastimenti speċjalizzati u mezzi oħra (RPAS, immaġni satellitari) għall-għassa u l-protezzjoni ta' infrastruttura marittima kritika, inklużi bastimenti ta' sħarriġ b'diversi rwoli.	Jintużaw il-mezzi eżistenti sa tmiem l-2023. Jiġu żviluppati aktar mezzi/assi sal-2025.	SM, EDA, SatCen
	4.2.7	Titwettaq aktar riċerka dwar il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, anki biex jiġu appoġġati r-rakkomandazzjonijiet rilevanti ta' CARD.	Sal-2025	SM, EDA

	4.2.8	Jissaħħu l-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti u tal-portijiet, f'konformità mas-SOLAS, mal-Kodiċi ISPS, mar-Regolament 725/2004 ¹¹ u mad-Direttiva 2005/65/KE ¹² .	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, EMSA
	4.2.9	Jittejbu l-mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi sħab tal-istess fehma, fejn xieraq, biex jittejbu l-iskambju tal-informazzjoni u s-sorveljanza tal-infrastruttura marittima kritika.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023	SM, COM, SEAE
4.3 Tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà	Jiġu vvalutati r-riskji ċibernetiċi u jiġu identifikati l-miżuri tas-sigurtà x-xierqa			
	4.3.1	Tiġi implimentata gwida rilevanti għas-settur marittimu, b'mod partikolari dwar il-portijiet fil-kuntest tad-Direttiva NIS2.	Mill-2024	SM, COM
	4.3.2	Jitkompla l-iżvilupp tal-kapaċitajiet komuni ta' sorveljanza ċibernetika għall-amministrazzjonijiet marittimi / l-awtoritajiet tal-gwardja tal-kosta. Tiġi żviluppata l-kapaċità tas-settur marittimu li jiffaċċa theddid ċibernetiku billi jitħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iżvilupp ta' gwida bejn l-atturi marittimi, kif ukoll jiġu indirizzati iżjed il-kwistjonijiet ċibernetiċi fl-oqsma tas-sigurtà u tas-sikurezza fil-livell tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).	Mill-2024	SM, COM, EMSA, ENISA
	4.3.3	Tiġi żviluppata l-kooperazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fil-qasam marittimu ma' pajjiżi mhux membri tal-UE li huma tal-istess fehma, fil-livell bilaterali jew multilaterali, fost oħrajn, bl-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima diġitali.	Mill-2023	SM, COM, ENISA

¹¹ Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004

¹² Id-Direttiva 2005/65/KE

	4.3.4	Tittejjeb ir-reżiljenza tal-amministrazzjonijiet marittimi billi jsiru sessjonijiet ta' taħriġ regolari dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet taċ-ċibersigurtà, u tiġi żviluppata kultura ta' reazzjoni konġunta għall-inċidenti.	Fuq bażi kontinwa, mill-2024.	SM, COM, ENISA, EMSA, Frontex
	4.3.5	Jittejjeb l-għarfien dwar iċ-ċibersigurtà u jkompli jiġi żviluppat eżerċizzju sħiħ ta' mmappjar għaċ-ċibersigurtà fit-tbajhir biex jiġu identifikati r-responsabbiltajiet.	Mill-2024	SM, COM, EMSA, ENISA
4.4 Tisshahha ir-reżiljenza tal-UE u jttejjeb ir-rispons għall-interferenza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, u theddid ibridu ieħor li jikkonċerna s-sigurtà marittima	Jiġu indirizzati l-interferenza u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranin u domestiċi, u theddid ibridu ieħor relatat mad-dominju marittimu			
	4.4.1	Jiġu implimentati kontronarrativi relatati mal-baħar, inkluż billi l-awtoritajiet operazzjonali (il-Kmandanti tal-Operazzjonijiet) jingħataw id-delega tas-setgħat meħtieġa biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni u jiġu implimentati l-kontroazzjonijiet.	Mill-2023	SM, SEAE u operazzjonijiet navali tal-UE
	4.4.2	Tiġi promossa l-funzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-gwardji tal-kosta tal-UE fl-indirizzar ta' theddid ibridu fid-dominju marittimu, fost oħrajn.	Fuq bażi kontinwa, mill-2023.	SM, COM, EMSA, Frontex
4.5 Jiġu vvalutati l-impatti potenzjali tal-investiment dirett barrani fl-infrastruttura marittima fuq	4.5.1	Jiġi vvalutat l-investiment fl-infrastruttura marittima minn entitajiet mhux tal-UE fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-UE abbażi tar-Regolament (UE) 2019/452 ¹³ .	Għaddej attwalment	SM, COM

¹³ Ir-Regolament (UE) 2019/452

is-sigurtà				
4.6 Jiġi żviluppat ta' rispons komprensiv għall-UXO fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE	4.6.1	Filwaqt li jinbena fuq attivitajiet pilota relatati mal-UXO mwettqa fil-Baħar Baltiku, jitfassal pjan komprensiv għall-baċiri tal-baħar madwar l-UE biex jiġi mmappjat it-tip, il-post u l-kwantità ta' UXO minn attivitajiet militari, bħala parti mill-isforz biex jiġi minimizzat l-impatt ambjentali tagħhom, tiġi żgurata s-sigurtà tal-korsiji tal-baħar u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-attivitajiet ekonomiċi marittimi. Fl-istess ħin, jiġu identifikati l-kapaċitajiet eżistenti u meħtieġa tal-UE u l-mekkaniżmi ta' finanzjament xierqa biex jiġu indirizzati l-UXO fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE.	Mill-2023	SM, COM
4.7 Tiżdied l-azzjoni għat-tnejnija kontra atti ta' terroriżmu, atti illegali u delitti marittimi, theddidiet għal-libertà tan-navigazzjoni u theddid ibridu	4.7.1	Jiġu implimentati biżżejjed spezzjonijiet tas-sigurtà marittima biex ikun żgurat li l-bastimenti, il-portijiet u l-faċilitajiet tal-portijiet fl-UE jkunu siguri u protetti kif xieraq, f'konformità mal-leġislazzjoni internazzjonali u tal-UE applikabbli.	Għaddej attwalment fuq bażi annwali	SM, COM, EMSA
	4.7.2	Tissaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet illeċiti fuq il-baħar, inkluża l-piraterija, fil-kuntest tas-CMP u permezz ta' kooperazzjoni ma' sħab strateġiċi u tal-istess fehma.	Fuq bażi kontinwa	SM, SEAE
	4.7.3	Jiġi konkluż l-eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskji tal-COM biex titjieb is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri, biex jiġu identifikati soluzzjonijiet tajbin kontra r-riskji u t-theddidiet komuni għas-sigurtà	Għaddej attwalment	COM

		tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE.		
	4.7.4	Jitwettaq studju biex jiġu mmappjati l-infrastrutturi kollha rilevanti ta' taħt il-baħar, il-kapaċitajiet u r-ridondanzi relatati, il-vulnerabbiltajiet, it-theddidiet u r-riskji għad-disponibbiltà tas-servizz, l-impatt tal-perjodu ta' qtugħ tal-kejbils taħt il-baħar għall-Istati Membri u għall-Unjoni kollha, kif ukoll il-mitigazzjoni tar-riskji u l-kapaċitajiet ta' tiswija, u jiġu proposti rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata aktar reżiljenza/ridondanza, jekk ikun meħtieġ.	Mill-2023	SM, COM
4.8 Tissaħħaħ il-kapaċità li jingħata kontribut għall-ġlieda kontra t-theddid internazzjonali organizzat u serju u l-attivitajiet illeċiti biex tiżdied is-sigurtà interna tal-UE	4.8.1	Bl-appoġġ tal-aġenziji kkonċernati, titjieb u tiżdied il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprevjenu, jidentifikaw u jiġġieldu t-traffikar illegali mwettaq permezz tat-trasport bil-baħar, jew fuq il-baħar (bħal reati ambjentali, traffikar ta' armi u narkotiċi, faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u traffikar ta' bnedmin, IUU, eċċ.), b'mod partikolari billi jiġu żviluppati azzjonijiet fil-qafas tal-EMPACT.	Mill-2023	SM, EFCA, EMSA, Frontex, COM, EUROPOL
	4.8.2	Tiġi esplorata l-possibbiltà li tkompli tintuża l-informazzjoni dwar il-passiġġieri pprovduta mill-operaturi tat-trasport marittimu, filwaqt li jitqiesu r-regoli internazzjonali, tal-UE u nazzjonali eżistenti, biex tittejjeb is-sigurtà fil-fruntieri esterni u fi ħdan l-UE.	Mill-2023	SM, COM, Frontex, Europol
4.9 Jiġu limitati r-riskji għas-sigurtà assoċjati mal-kondiviżjoni tad-data	4.9.1	Jiġu vvalutati r-riskji abbażi tan-natura tad-data kondiviżja u jiġu identifikati r-riżorsi u l-proċeduri meħtieġa għall-ġestjoni ta' dawn ir-riskji.	Mill-2023	SatCen, SEAE, COM, SM

marittima ma' pajjiżi terzi				
-----------------------------	--	--	--	--

Objettiv Strateġiku 5. Jissaħħu l-kapaċitajiet

Objettivi	Azzjonijiet		Kronoloġija <i>Fejn Applikabbli</i>	Atturi Kkonċernati
5.1 Jissaħħu l-kapaċitajiet ta' fuq wiċċ l-ilma	Jissaħħu l-kapaċitajiet futuri ta' fuq wiċċ l-ilma u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet f'faċilitaturi strateġiċi			
	5.1.1	Jitmexxa 'l quddiem il-Qasam ta' Fokus tal-CARD rigward il-Bastimenti tal-Wiċċ Ewropej fil-Klassi tal-Pattulja.	Mill-2023	SM, EDA
	5.1.2	Jiġu żviluppati rekwiżiti komuni għall-protezzjoni tal-forza għall-forzi navali tal-Istati Membri tal-UE, filwaqt li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn.	Sal-2025	SM, SEAE (EUMS), EDA
	5.1.3	Jitniedu attivitajiet biex tiżdied l-effiċjenza tal-propulsjoni, tal-produzzjoni tal-enerġija, tas-sistemi ta' ħżin u ta' ġestjoni u tal-loġistika bl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda.		
	5.1.4	Jingħata appoġġ għall-mobbiltà militari marittima bl-approvazzjoni ta' arranġament tekniku għal arranġamenti ta' permess ta' moviment transfruntier fid-dominju marittimu.		
	5.1.5	Jiġu żviluppati rekwiżiti u speċifikazzjonijiet komuni għas-sistemi mingħajr bdot abbord futuri, filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi jkunu interoperabbli.		

	5.1.6	Jingħata l-appoġ li jitolbu l-Istati Membri fuq proġetti tal-PESCO, inkluż il-Korvetta ta' Pattulja Ewropea.		
	5.1.7	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċità reali u tal-kisba tal-Bastiment tal-Ewwel Klassi ta' Korvetta ta' Pattulja Ewropea	Mill-2023	SM, COM
	5.1.8	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċità reali ta' bastiment tal-wiċċ semi awtonomu ta' daqs medju b'tagħbijiet utli għall-missjonijiet modulari	Sal-2024	SM, COM
	5.1.9	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċitajiet navali tal-futur, jiġifieri sistema tas-sistemi intelliġenti funzjonali għall-pjattaformi navali tal-futur	Sal-2025	SM, COM
	5.1.10	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċità reali ta' Interazzjoni Kollaborattiva Navali bbażata fuq is-Sorveljanza Kollaborattiva Navali	Sal-2026	SM, COM
5.2 Jissaħħu l-kapaċitajiet ta' taħt wiċċ l-ilma	Jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UE ta' taħt wiċċ l-ilma, fosthom il-miżuri kontra l-mini tal-baħar			
	5.2.1	Jiġi żviluppat kunċett tal-UE ta' operazzjonijiet kontra l-mini biex jappoġġa l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għan-navigazzjoni u l-użu sikuri ta' bastimenti u ta' sistemi marittimi mingħajr bdot abbord, inkluż l-użu ta' opportunitajiet mill-azzjonijiet ta' żvilupp u riċerka tal-Fond Ewropew għad-Difiża.	Sal-2025	SM, COM, EDA
	5.2.2	Jitkompla l-iżvilupp ta' proġetti mmirati tal-PESCO (ATT, DIVEPACK, EUNDDC u MAS MCM), u jintuża l-appoġġ ta' riċerka u żvilupp kollaborattiv u konġunt mill-Fond Ewropew għad-Difiża u proġetti fil-programm prekursor tiegħu, il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP).		
	5.2.3	Jissaħħu l-kapaċitajiet kontra s-sottomarini, inkluż bid-detezzjoni	Sal-2025	SM, EDA

		kemm f'termini ta' teknoloġija kif ukoll ta' proċeduri.		
	5.2.4	Jiġi promoss l-iżvilupp ta' teknoloġiji marbuta ma' mobilizzazzjoni taħt il-baħar ta' timijiet jew ġemgħat ta' ingeni, bi bdoti abbord jew mingħajrhom, u marbuta mal-osservazzjoni, mad-detezzjoni, mal-akkwist u mal-komunikazzjoni.	Mill-2023	COM, SM
	5.2.5	Jiġu promossi l-iżviluppi u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-ewwel fażi tal-kunċett ta' qrid tal-mini mill-bogħod.	Sal-2024	COM, SM
	5.2.6	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċitajiet biex jitqiegħdu b'mod sikur infrastrutturi kritiċi ta' qiegħ il-baħar, u tal-kapaċitajiet biex jiġu miġġielda mobilizzazzjonijiet ta' ġemgħat ta' ingeni sommerġibbli mingħajr bdot abbord.	Mill-2023	COM, SM
	5.2.7	Jiġi promoss l-iżvilupp tal-kapaċità reali ta' dron tqil ta' użi multipli għat-tneħħija tal-mini.	Mill-2023	COM, SM
5.3 Jingħata appoġġ lill-flotot navali u lill-gwardji tal-kosta tal-Istati Membri tal-UE fl-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi u kapaċitajiet industrijali	Jiġu identifikati t-teknoloġiji u l-attivitajiet ta' riċerka skont il-ħtiġijiet tal-kapaċità, filwaqt li titqies ukoll l-Aġenda Strateġika Globali tal-EDA			
	5.3.1	Tiġi promossa r-riċerka f'soluzzjonijiet innovattivi dwar il-ġenerazzjoni, il-ħżin, il-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-domandi għoljin tal-enerġija meħtieġa minn sistemi ġodda.	Sal-2025	SM, COM, EDA
	5.3.2	Tiżdied il-koordinazzjoni awtonoma ta' ħolqien ta' timijiet ta' ingeni bi bdot abbord jew mingħajru, inklużi teknoloġiji ta' mobilizzazzjoni ta' qatgħat.		
	5.3.3	Tiġi żgurata s-sorveljanza u l-protezzjoni ta' networks ta' komunikazzjoni ta' taħt wiċċ l-ilma ta' veloċità għolja, reżiljenti u		

		robusti, bl-involvement tal-industrija u ta' pajjiżi terzi fejn xieraq.		
	5.3.4	Ir-riċerka u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji fixkiela inkluża l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji tal-big data u t-teknoloġiji kwantistiċi.		
	5.3.5	Ir-riċerka u l-iżvilupp ta' arkitettura u infrastruttura diġitali komuni tal-bastimenti.		
	5.3.6	Tiżdied l-awtomatizzazzjoni tal-bastimenti billi jiġu skjerati pjattaformi u sistemi awtomatizzati reżiljenti b'ekwipaġġi iżgħar u b'sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet.		
	Jiġu identifikati u indirizzati permezz ta' kooperazzjoni d-dipendenzi kritiċi li jaffettwaw il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża tal-UE (EDTIB)			
	5.3.7	Permezz tat-twettiq ta' ħidma fuq attivitajiet strateġiċi ewlenin, jingħata għarfien u jiġi promoss fehim komuni fost l-Istati Membri, fost l-istituzzjonijiet tal-UE u fost l-atturi industrijali tad-difiża dwar in-nuqqasijiet u l-lakuni eżistenti f'termini ta' oqsma industrijali u teknoloġiċi, kif ukoll dwar lakuni fil-ħiliet li jistgħu jimminaw il-libertà ta' azzjoni tal-UE.	Għaddej attwalment	SM, EDA
	5.3.8	Tiġi promossa l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri billi jiġu żviluppati proġetti ffinanzjati mill-Fond Ewropew għad-Difiża u jiġi promoss l-akkwist konġunt ta' kapaċitajiet navali, inkluż permezz ta' u appoġġati minn inizjattivi ta' difiża tal-UE.	Għaddej attwalment	SM, COM, EDA
	Isir allinjament tal-attivitajiet tal-flotta u tal-gwardja tal-kosta mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE.			
	5.3.9	Tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' koeżistenza bejn proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u attivitajiet ta' difiża billi jiġi analizzat	Sal-2025	SM, COM,

		jekk jistax jiġi implimentat l-użu ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew użi sostenibbli oħra f'żoni marittimi riżervati jew użati għal attivitajiet militari.		SEAE, EDA
	5.3.10	Jiġu żviluppati teknoloġiji rinnovabbli (fjuwil rinnovabbli, magni mmodifikati retroattivament, l-elettrifikazzjoni, eċċ.), addattati għall-użu militari fid-dominju marittimu.		

Objettiv Strateġiku 6. Teduka u tħarreġ

Objettivi	Azzjonijiet		Kronoloġija <i>Fejn Applikabbli</i>	Atturi Kkonċernati
6.1 Jiġu kondiviżi l- edukazzjoni, it-taħriġ u l- ħiliet fost is-setturi, fost l- Istati Membri u fost pajjiżi sħab	6.1.1	Titkompla l-ħidma mwettqa mill-aġenziji (EFCA, EMSA, Frontex) biex jiġu żviluppati l-kapaċità u t-taħriġ speċjalizzat skont l-arranġament ta' ħidma tripartitiku biex jiġi organizzat taħriġ transsettorjali tas-sigurtà marittima dwar l-infurzar tal-liġi, il-militar, il-kontroll tal-fruntieri, il-gwardji tal-kosta, iċ-ċibersigurtà, il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika eċċ.	Mill-2023	SM, EFCA, EMSA, Frontex, ECGFF
	6.1.2	Tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-edukazzjoni u t-taħriġ fis-sigurtà marittima.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
	6.1.3	Jitrawmu l-kooperazzjoni u t-taħriġ, inkluż fil-kuntest tal-ECGFF, mal-Istati Membri u ċ-ċentri akkreditati min-NATO, ċentri ta' eċċellenza eċċ., b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' ftuħ reċiproku u trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività kif ukoll l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet.	Mill-2023	SM, SEAE, EFCA, EMSA, Frontex

	6.1.4	Jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' semestru navali internazzjonali militari fil-qafas tal-"inizjattiva Ewropea għall-iskambju ta' uffiċjali żgħażaġh" (EMILYO – Erasmus Militari ¹⁴).	Mill-2023	SM, SEAE (ESDC)
	6.1.5	Jitwettqu eżerċizzji konġunti ma' sħab mhux fl-UE biex tingħata spinta lill-interoperabbiltà.	Mill-2023	SM, COM, SEAE
6.2 Tiġi kapitalizzata l-ħidma mwettqa mill-aġenziji u mill-fora	6.2.1	Titkompla l-parteċipazzjoni ad hoc fl-eżerċizzju tal-COASTEX abbażi tal-ippjanar tal-Istati Membri, jittiejeb u jiġi ddiversifikat il-COASTEX u jitwettqu attivitajiet rilevanti fil-baċiri tal-baħar madwar l-UE b'mod regolari.	Għaddej attwalment	SM, EFCA, EMSA, Frontex, ECGFF
	6.2.2	Jitwettqu attivitajiet ta' bini tal-kapaċità filwaqt li tiġi implimentata l-MMO f'baċiri tal-baħar magħżula madwar l-UE, fuq talba tal-Istati Membri u filwaqt li tkompli tinbena l-ħidma tal-EMSA, tal-EFCA u tal-Frontex.	Għaddej attwalment	SM, EFCA, EMSA, Frontex
	6.2.3	Jikkondividu t-tagħlimiet meħuda mit-tmexxija tal-Qafas tal-Kwalifiki Settorjali għall-gwardji tal-kosta, u jingħataw gwida, assistenza u appoġġ fl-implimentazzjoni ta' prattiki tajbin, inkluż dwar iċ-ċibersigurtà.	Fuq bażi kontinwa	SM, EFCA, EMSA, Frontex
6.3. Jissaħħu l-ħiliet fiċ-ċibersigurtà u fis-sigurtà ibrida u l-kurrikuli	6.3.1	Jittieħed vantaġġ mill-għarfien u mit-taħriġ ipprovduti mill-HCoE Helsinki, inkluża l-linja ta' ħidma tagħhom dwar is-sigurtà marittima, anki abbażi tal-Manwal tal-HCoE dwar it-Theddid Ibridu Marittimu ¹⁵ .	Għaddej attwalment	SM, COM, SEAE, HCoE

¹⁴ <http://www.emilyo.eu/>; EMILYO mhijiex marbuta mal-Programm Erasmus+.

¹⁵ Il-manwal tal-HCoE huwa l-bażi għal avvenimenti ta' taħriġ rilevanti għall-Istati parteċipanti, għall-operaturi u għal dawk li jfasslu l-politiki tal-UE u tan-NATO.

dwarhom fid-dominju marittimu	6.3.2	Jissaħħu l-ħiliet relatati maċ-ċibersigurtà, ma' strumenti ibridi u mal-ispazju billi jiġu appoġġati korsijiet ta' taħriġ immirati dwar il-ħiliet ċibernetiċi u diġitali għad-dominju marittimu.	Mill-2023	SM, COM, EMSA
	6.3.3	Tingħata spinta lill-ħiliet taċ-ċibersigurtà u ta' strumenti ibridi permezz ta' kurrikuli mmirati li għandhom jiġu żviluppati mill-istituzzjonijiet u/jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, konxji li l-EMSA ngħatat il-kompitu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni Ewropea li tiżviluppa kors dwar iċ-ċibersigurtà marittima għall-2023.	Mill-2023	SM, COM, EMSA
6.4 Bini tal-kapaċità	6.4.1	Jitwettqu programmi ta' taħriġ immirati, inkluż fil-qafas tal-ECGFF, miftuħa għal sħab mhux tal-UE u partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-settur privat, kif xieraq, biex jindirizzaw theddid eżistenti u emerġenti għas-sigurtà marittima.	Għaddej attwalment	SM, COM, SEAE, EMSA, Frontex, EFCA, ECGFF
	6.4.2	Jiġu promossi attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ f'pajjiżi sħab biex jattiraw lin-nisa lejn is-setturi rilevanti, inklużi l-funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta, bl-involviment ukoll tal-aġenziji rilevanti tal-UE, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-settur privat, kif xieraq.	Għaddej attwalment	SM, COM, SEAE, EMSA, Frontex, ECGFF
	6.4.3	Jitkompla l-iżvilupp tas-semestru navali internazzjonali militari, inkluża skema ta' skambju ta' uffiċjali żgħażaġh.	Mill-2023	SM, SEAE
	6.4.4	Jitwettqu eżerċizzji ċivili-militari bbażati fuq xenarji li jinvolvu ġuriżdizzjoni kondiviża jew użu kondiviż tal-kapaċitajiet.	Mill-2023	

GLOSSARJU TAL-ABBREVJAZZJONIJIET

A

ASEAN: Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja

ATT: Torpedo Antitorpedo (proġett PESCO)

B

C

CARD: Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża

CIS: Infrastruttura Kritika

CISE: Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni

COM: Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea

Copernicus: Programm Ewropew ta' Osservazzjoni tad-Dinja

CRIMARIO: Rotot Marittimi Kritiċi fl-Oċean Indjan

PSDK: Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni

D

DTO: Tewmi Diġitali tal-Oċean

E

EBCG: Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta

EBCGA/Frontex: Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

ECGFA: Akkademja Ewropea dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta

ECGFF: Forum Ewropew dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja Kostali

EDA: Aġenzija Ewropea għad-Difiża

EDIRPA: Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija tad-Difiża Ewropea permezz tal-Akkwisti Komuni

EDTIB: Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea
 SEAE: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
 EFCA: Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd
 EGNOS: Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja
 EMPACT: Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali
 EMSA: Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima
 ENISA: Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà
 UE: Unjoni Ewropea
 EUBAM Libya: Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja
 EUMS: Stat Maġġur tal-Unjoni Ewropea
 EUMSS: Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea
 EUNAVFOR: Forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea
 EUROPOL: Aġenzija Ewropea tal-Pulizija
 EUROSUR: Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri
 G
 GALILEO: Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita
 H
 HCoE: Ċentru Ewropew għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu, Helsinki
 HELCOM: Kummissjoni ta' Helsinki - Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku
 I
 IMO: Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali
 INTERPOL: Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali

IORA: Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan

Kodiċi ISPS: Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Port

Sajd IUU: sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

K

M

MAOC (N): Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi (Narkotiċi)

MARSUR: Proġett tad-difiża għas-sorveljanza marittima

MASE: Programm li Jippromwovi s-Sigurtà Marittima Reġjonali

MAS MCM: Sistemi Marittimi (semi-)Awtonomi għal Miżuri kontra l-Mini

MDA: l-għarfien tad-dominju marittimu

MedCGFF: Forum tal-Mediterran dwar il-Funzjonijiet tal-Gwardja tal-Kosta

SM: Stati Membri

MSCO: Kors tal-Operaturi tal-Persunal Marittimu

N

NATO: Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana

Direttiva NIS2: Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

NWIO: Majjistral tal-Oċean Indjan

O

OSPAR: Kummissjoni Oslo Pariġi

OSRA: Aġenda Strateġika Globali tar-Riċerka

P

Proġett PASSMAR: Programm ta' appoġġ għall-istrateġija dwar is-sikurezza u s-sigurtà marittima fl-Afrika Ċentrali

PESCO: Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

PNT: Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni

PSP: Programm għas-sigurtà tal-portijiet u s-sikurezza tan-navigazzjoni

R

RFMOs: Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

RPAS: Sistema ta' Inġenju tal-Ajru Ppilotat mill-Bogħod

R&I: riċerka u innovazzjoni

S

SAR: attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ

SatCen: Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea

SHADE: Għarfien Kondiviż u Koordinament

SOLAS: Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar

Proġett SWAIMS: Appoġġ għas-Sigurtà Marittima Integrata tal-Afrika tal-Punent

U

UCPM: Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili

UgħM: Unjoni għall-Mediterran

NU: Nazzjonijiet Uniti

UNCLOS: Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar

UNFSA: Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ħażniet ta' Ħut

UNODC: Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità

UXO: Ordinanza mhux sploduta

W

WeCAPS: It-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza tal-portijiet fl-Afrika tal-Punent u Ċentrali
